**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Piero Di Bartolo detentur tal-Karta tal-Identità Numru 194310L,**

**u**

**Trafford Vella detentur tal-Karta tal-Identità Numru 242291M**

*Każ Dwana Nru.1948/24*

Illum, **28 ta' Lulju, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati **Piero Di Bartolo** u **Trafford Vella** ċioe`:

Fuq talba tad-**<u>Direttur Ġenerali tad-Dwana:</u>**

1) Talli fid-19 ta' Awwissu, 2015, wara intervent u tfittxija li saret mill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta u sussegwentement mill-Uffiċjali tad-Dwana u tal-Pulizija fuq il-bastiment **CHRISTIAN II, MFC6996,** instab li f'dik il-ġurnata, flimkien, bil-kompliċità u l-kooperazzjoni ta' xulxin, kontra il-Liġi, xjentement ittantaw jimportaw jew idaħħlu f'dawn il-Gżejjer **sigaretti bla dazju,** fi kwantità kif deskritt hawn taħt, u dan bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern minn **Dazji** u t-**Taxxa** li jkun imiss jitħallas fuqhom, jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti:

i) 30 kaxxa, b'50 kartuna kull kaxxa, b'200, sigarett kull kartuna- **BUSINESS ROYALS**

ii) 12-il kaxxa, b'50 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna- **AMERICAN LEGEND**

Dawn is-sigaretti, għandhom **Valur totali ta' €12,180, Dazju tas-Sisa dovut ta' €66,675,** kif ukoll **Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud** li jammontaw għall-**€7,015.68 u €15,456.72** rispettivament, liema taxxa fuq il-valur miżjud ma ġietx imħallsa u/jew kawtelata.

Is-sigaretti in kwistjoni ġew maqbuda bin-**Nota ta' Qbid Numru: 184/2015,** filwaqt li l-bastiment ġie maqbud bin-**Nota ta' Qbid Numru: 185/2015.**

Fuq talba tad-**<u>Direttur Ġenerali tal-VAT:</u>**

2. Talli fid-19 ta' Awwissu, 2015, wara intervent u tfittxija li saret mill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta u sussegwentement mill-Uffiċjali tad-Dwana u tal-Pulizija fuq il-bastiment **CHRISTIAN II, MFC6996,** instab li f'dik il-ġurnata, flimkien, bil-kompliċità l-kooperazzjoni ta' xulxin, kontra il-Liġi, xjentement ittantaw jimportaw jew idaħħlu f'dawn il-Gżejjer **sigaretti bla dazju,** fi kwantità kif deskritt hawn taħt, u dan bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern minn **Dazji** u t-**Taxxa** li jkun imiss jitħallas fuqhom, jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti:

i) 30 kaxxa, b'50 kartuna kull kaxxa, b'200, sigarett kull kartuna- **BUSINESS ROYALS**

ii) 12-il kaxxa, b'50 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna- **AMERICAN LEGEND**

Dawn is-sigaretti, għandhom **Valur totali ta' €12,180, Dazju tas-Sisa dovut ta' €66,675,** kif ukoll **Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud** li jammontaw għall-**€7,015.68 u €15,456.72** rispettivament, liema taxxa fuq il-valur miżjud ma ġietx imħallsa u/jew kawtelata.

Lil **Piero Di Bartolo** waħdu:

3. Talli nhar l-Erbgħa d-19 ta' Awwissu, fl-ibħra tas-sajd permezz tal-bastiment tas-sajd lokali ***CHRISTIAN* II** bin-numru tar-reġistrazzjoni **MFC 6996,** huwa għamel użu mill-imsemmi bastiment b'konnessjoni ma' xi sengħa, negozju jew sejħa mingħajr liċenzja mill-awtoritajiet kompetenti.
4. Talli wkoll, fl-istess ħin, jum u post permezz tal-bastiment tas-sajd lokali ***CHRISTIAN* II** bin-numru tar-reġistrazzjoni **MFC 6996,** huwa uża l-istess bastiment tas-sajd lokali għal skop sekondarju li mhux is-sajd mingħajr ma

għamel talba bil-miktub u bil-quddiem lid-Direttur u mingħajr ma kiseb l-approvazzjoni tad-Direttur għall-istess skop.

5. Talli kkommetta reat ta' natura volontarja wara l-kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu mill-Qorti permezz tal-Maġistrat Antonio Mizzi LL.D. nhar is-7 ta' Frar, 2006 u aktar talli naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fid-Digriet tagħha.

Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll li tapplika l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fit-8 ta' April, 2024.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

**Il-Provi**

**Christopher Galea,** in rappreżentanza tad-Dipartiment tad-Dwana, esebixxa *letter to prosecute* fil-konfront tal-imputati, maħruġa mid-Direttur Ġenerali tad-Dwana.[1] L-istess xhud ippreżenta wkoll *seizure note* bin-numru 184/2015 fil-konfront tal-imputati, maħruġa taħt il-firma tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana.[2] Ix-xhud ippreżenta wkoll formalment is-sigaretti mertu tal-kawża.[3] Ġiet ippreżentata *seizure note* bin-numru 185/2015 fil-konfront ta' Sandra Abdilla b'referenza għall-bastiment *CHRISTIAN II.*[4] Ġie ippreżentat formalment il-bastiment u mmarkat bħala **DOK.CG4.**

---

[1] **DOK. CG** a fol.24
[2] **DOK.CG1** a fol.25
[3] **DOK.CG2**
[4] **DOK.CG3**

**Spettur William Scicluna,**[5] spjega illi nhar id-19 t'Awwissu, 2015 kien tal-għassa ġewwa t-Taqsima tar-Reati Ekonomiċi meta ġie infurmat mill-*control room* tal-Forzi Armati illi kmieni filgħodu kienu waqqfu dgħajsa bl-isem ta' *CHRISTIAN II* viċin Hurds Bank, diversi mili 'l barra mill-ponta ta' Birżebbuga. Ir-*Rapid Deployment Platoon* kienu intervjenew wara li rċevew informazzjoni kunfidenzjali dwar xi attività illegali li kienet qed isseħħ dak il-ħin u li kienet tikkonċerna dgħajsa li kienet qed iġġorr kwantità kbira ta' sigaretti li kienu se jiddaħħlu l-art bil-kuntrabandu. Skond is-sors, kien hemm vapur ikbar li kien rema xi kaxxi l-baħar u kien hemm xi dgħajjes jiġbru l-affarijiet minn ġo l-baħar. Il-Forzi Armati waqqfu d-dgħajsa *CHRISTIAN II* u skortawha lejn il-Port il-Kbir. Irriżulta li abbord kien hemm 42 *master cases* konsistenti fi 30 kaxxa *Business Royals* u 12-il kaxxa *American Legend* ġo borża sewda, imgeżwrin fil-*plastic*. Abbord dik id-dgħajsa kien hemm żewġ persuni li kienu l-imputati. Huma ġew arrestati. Fuq il-post marru uffiċjali tad-Dwana li ħadu l-kaxxi tas-sigaretti. Waqt l-interrogazzjoni, Piero Di Bartolo stqarr illi kien mar għas-sajd bħal ma kien jagħmel ta' spiss u lemaħ xi kaxxi jiggaleġġjaw f'wiċċ il-baħar. Qal illi kien hemm żewġ dgħajjes oħra li bdew jiġbru l-kaxxi u hu beda jagħmel bħalhom.

B'kollox kienu ttieħdu erba' stqarrijiet minn Di Bartolo.[6] Hu stqarr illi dawk il-kaxxi kien ġabarhom b'kumbinazzjoni u ċaħad li kien jaf li kienu se jintremew minn fuq il-vapur kbir bl-isem ta' *ST JERNEBORG [xi daqqiet erronjament irreferut bħala MV STERNEBERG in atti.]* Dakinhar stess tad-19 t'Awwissu, ix-xhud kien irċieva telefonata anonima dwar ċertu persuna minn Ħal Qormi, magħruf bħala 'l-Ġobon' bl-isem ta' Christopher Azzopardi, li allegatament kien bagħat lil Di Bartolo u lil Vella biex jiġbru dawk is-sigaretti. Iżda Di Bartolo dejjem baqa' jiċħad li kien jaf x'se jiġri. Sussegwentement, kien hemm persuna li avviċinat lill-pulizija u qalet li kienet rat is-sigaretti jiġu mormija minn fuq il-bastiment il-kbir, l-*ST JERNEBORG,* u d-dgħajsa *CHRISTIAN II* qiegħda viċin, tiġbor il-kaxxi.

Trafford Vella wkoll dejjem ċaħad li kellu xi involviment u stqarr li l-kaxxi nstabu kumbinazzjoni. Qal illi kien ħasibhom ċimi f'wiċċ il-baħar.[7]

Minn investigazzjoni preliminari, kien irriżulta illi filgħodu Di Bartolo kien għamel kuntatt permezz tat-telefon ma' dan Christopher, minkejja li meta mistoqsi huwa ċaħad li għamel xi telefonati. Meta mistoqsi jekk kienx jaf xi nies jaħdmu fuq dak il-vapur, hu stess semma lil ċertu Chris. In kontro-eżami, ix-

---

[5] Fol.27-33

[6] **DOK.WS, DOK.WS1, DOK.WS2, DOK.WS3, DOK.WS4, DOK.WS5 u DOK.WS6** a fol.34-49

[7] **DOK.WS7, DOK.WS8, DOK.WS9, DOK.WS10** u **DOK.WS11** a fol.50-64

xhud qal li ma kienx jaf jekk dik l-allegata telefonata kienitx *incoming* jew *ongoing* u min lil min, però spjega li dan kien jirriżulta mill-*call records.*

Id-**Deputat Reġistratur Marica Mifsud** xehdet u esebiet l-atti tal-inkjesta numru 574/2015 dwar 'Kuntrabandu ta' sigaretti abbord id-dgħajsa bl-isem '*CHRISTIAN II," Numru ta' Reġistrazzjoni MFC 6996* li seħħ nhar id-19 ta' Awwissu, 2015.[8]

**Spettur Shaun Scicluna,**[9] xehed illi hu kien assista lill-Ispettur William Scicluna wara li dan irċieva informazzjoni li l-AFM kienu waqqfu dgħajsa li abbord kienet qed iġġorr sigaretti allegatament tal-kuntrabandu. Id-dgħajsa kienet inġiebet il-*Waterfront* u hu kien wieħed mill-pulizija li mar fuq il-post. X'ħin waslu, is-sigaretti kienu għadhom fuq id-dgħajsa. Kien hemm tal-forensika li ħadu r-ritratti kemm qabel ma ntmessu s-sigaretti minn fuq id-dgħajsa, kif ukoll meta tniżżlu l-art. Vella u Di Bartolo nżammu separati. Imbagħad ittieħdu l-*lock up* u saru l-interrogazzjonijiet tagħhom.

Ix-xhud żied illi inizjalment is-suspettati bdew jallegaw li kien hemm nies oħra li ġabru s-sigaretti bħalhom. Għalhekk il-pulizija qalulhom biex isemmulhom min kienu dawk in-nies sabiex setgħu ikabbru l-investigazzjoni. Meta Di Bartolo kien rilaxxat bil-*police bail* u reġa' mar id-Depot, kien semma lil ċertu Louis Zammit, imlaqqam 'il-Gedidu.' Ix-xhud bagħat għal dak l-individwu li għamel dikjarazzjoni ġuramentata, preżentata fl-atti tal-inkjesta dwar dan il-każ. Dan Zammit ikkonferma illi hu mar fuq il-post fejn kien hemm id-dgħajsa *CHRISTIAN II* viċin il-vapur u kien ra persuna twaddab il-kaxxi tas-sigaretti. Hu dar darbtejn mal-vapur u telaq. Ix-xhud ikkonferma illi hu kien preżenti waqt ix-xhieda ġuramentata ta' Zammit.[10]

**Carmel Attard,** [11]Kap Spettur fid-Dipartiment tal-Infurzar tad-Dwana, xehed illi id-dipartiment kien infurmat fid-19 ta' Awwissu, 2015 illi r-*Rapid Deployment Team* mill-bażi marittima tal-Forzi Armati ta' Malta kien interċetta dgħajsa tas-sajd bl-isem ta' *CHRISTIAN II* 'il barra mill-Ponta taż-Żonqor, dieħla fid-direzzjoni tal-port ta' Marsaxlokk. Il-kaptan, Piero Di Bartolo, u l-membru tal-ekwipaġġ, Trafford Vella, kienu abbord. Waqt tfittxija mill-AFM fuq id-dgħajsa, instabu kwantità ta' kaxxi fil-boroż ta' *plastic* iswed, suspettati li kienu sigaretti tal-kuntrabandu. Id-dgħajsa ġiet skortata lejn il-moll tad-*Deep Water Quay* viċin il-*baggage room* tal-uffiċju tad-Dwana. Iż-żewġ persuni abbord ġew mgħoddija lill-pulizija u lid-Dwana għal aktar stħarriġ. Saret talba lill-Maġistrat

---

[8] Fol.70 u **DOK.MM** a fol.72
[9] Fol.65-68
[10] Fol.73-74
[11] Fol.75-78

tal-Għassa Dr. Gabriella Vella sabiex taħtar inkjesta u t-talba intlaqgħet. Intant, uffiċjali tad-Dwana u tal-pulizija telgħu abbord id-dgħajsa u ħattew il-kaxxi fil-boroż suwed għal fuq il-moll, fil-preżenza ta' Di Bartolo u Vella.

B'kollox instabu 42 kaxxa sigaretti, konsistenti fi 30 *master case s*igaretti *Business Royal,* b'50 kartuna l-waħda, b'200 sigarett kull kartuna u 12-il master case sigaretti *American Legend* ta' 50 kartuna l-waħda b'200 sigarett kull kartuna. Inħarġet riċevuta -jinżammu ġo maħżen f'New Port Bonded Stores, fil-Marsa. Minn investigazzjoni uffiċjali tal-pulizija, irriżulta illi d-dgħajsa tas-sajd *CHRISTIAN II* kienet irreġistrata f'isem Sandra Abdilla, mart Di Bartolo. L-investigazzjonijiet tad-Dwana stabbilixxew illi **s-sigaretti kienu tal-kuntrabandu, peress illi l-pakketti ma kellhomx il-bolla tas-SISA** li turi li d-dazju tħallas fuqhom. Id-dgħajsa wkoll ittieħdet taħt il-kustodja tad-Dwana. Ix-xhud qal illi l-lanċa kienet miżmuma fil-maħżen tad-Dwana ġewwa Ħal Far. Saret il-valutazzjoni tas-sigaretti u l-komputazzjoni tat-taxxi evażi. Konsegwentement, id-Dwana ħarġet noti ta' qbid fuq is-sigaretti u l-lanċa bħala mezz ta' ġarr tas-sigaretti tal-kuntrabandu. Ħarġet ukoll *letter to prosecute* fil-konfront ta' Di Bartolo u Vella bi ksur ta' liġijiet tad-Dwana.

In kontro-eżami qal illi hu kien preżenti fuq il-moll meta d-dgħajsa ġiet skortata u rabtet mal-moll. Hu kien assista fil-ħatt tas-sigaretti u fl-investigazzjonijiet sussegwenti. Hu ma kienx preżenti meta nqabdet id-dgħajsa fuq il-baħar u lanqas meta l-pulizija tkellmu mas-suspettati.

**Mario Mifsud,**[12] spettur fid-Dipartiment tad-Dwana, xehed illi fid-19 ta' Awwissu kienu mogħtija struzzjonijiet biex imorru d-*Deep Water Quay, Shed Three,* fejn kien hemm dgħajsa li kienet ġiet skortata mill-AFM. Meta waslu fuq il-post raw xi kaxxi imdawrin bi *plastic* iswed.

Ix-xhud spjega illi meta niżżluhom, sabu li kien hemm 42 kaxxa u meta fetħu l-*plastic* sabu li kien hemm 30 *master case Business Royals* u 12-il kaxxa *American Legend.* Kompla jispjega illi hu flimkien ma' uffiċjal ieħor u c-*Chief Inspector* telgħu fuq id-dgħajsa biex iniżżlu l-kaxxi. Qal illi d-dgħajsa kien jisimha *CHRISTIAN II* u li dak il-ħin kien hemm il-pulizija u n-nies tad-dgħajsa li kienu s-sid, Piero Di Bartolo u Trafford Vella. Kompla jispjega illi wara li niżżlu l-kaxxi fuq il-moll, raw x'kienu u għoddewhom, ħarġu riċevuta.[13] Imbagħad għamlu tfittxija oħra, iżda ma sabu xejn.

---

[12] Fol.79-82

[13] **DOK.MMR** a fol.83

**Neville Cesareo,** [14]fizzjal ġewwa s-Sezzjoni tal-Infurzar tad-Dwana, qal illi dakinhar tal-akkadut hu kien mgħarraf mill-ispettur Mario Mifsud illi kellhom imorru jagħmlu *"rummage"* fuq lanċa tas-sajd li kienet għadha kemm ġiet skortata mill-AFM lejn id-*Deep Water Quay.* Hemmhekk iltaqgħu mal-ispettur Ferris u l-ispettur Scicluna. Kien hemm il-kaptan tad-dgħajsa, Piero Di Bartolo, flimkien mal-uniku *crew member* li kellu, Trafford Vella. Ix-xhud flimkien mal-ispettur Mifsud u l-pulizija, telgħu fuq id-dgħajsa biex ifittxu u hemmhekk **sabu *kaxxi kbar, irrepjati fi plastic iswed, qisu bħal tal-garbage bags.* Meta fetħu waħda minnhom irriżulta illi kienu *master cases* tas-sigaretti mimlijin sigaretti**. Ġew elevati 42 kaxxa li tpoġġew fuq il-moll, waqt li d-dgħajsa baqgħet taħt sorveljanza tad-Dwana. L-imputati ttieħdu mill-pulizija d-Depot. Ix-xhud kompla jispjega illi kienu sigaretti bla dazju, jiġifieri d-dazju ma kienx imħallas.

**Kevin Francica,**[15] spettur fis-Sezzjoni tal-Infurzar tad-Dwana, qal illi kien imqabbad mis-superjuri tiegħu biex jeleva d-dgħajsa *CHRISTIAN II* għal aktar investigazzjoni. Id-dgħajsa ttieħdet f'post sigur tad-Dwana u inħarġet riċevuta msejħa *'items withheld by customs officials, pending investigations.'* [16] Ix-xhud kompla jispjega illi hu kien għamel l-arranġament biex id-dgħajsa tinġibed mill-post fejn kienet f'Birżebbuġa sa *Ħal Far bonded stores* fejn kien ħalliha. Dak kien fit-23 t'Ottubru, 2015. *"Iġifieri illum għaddew sentejn, ma nafx fejn qegħda eżatt."*[17]

**Paul Scicluna,** f'isem il-Kummissarju tat-Taxxi, ippreżenta *letter to prosecute* f'isem Piero Di Bartolo u Trafford Vella.[18]

**PS 644 Evan Camilleri,** [19]xehed li kien nominat f'inkjesta mmexxija mill-Maġistrat Gabriella Vella rigward sejba ta' sigaretti suspettati ta' kuntrabandu. Huwa aċċeda ġewwa s-*Sea Passenger Terminal* fuq il-Furjana u hemmhekk sab lill-ispettur Scicluna, l-ex spettur Ferris, *Chief Inspector* tad-Dwana Carmel Attard u żewġ suspettati. Ix-xhud qal illi ġibed 31 ritratt tal-kaxxi tas-sigaretti kif instabu ġewwa l-lanċa kif ukoll wara li ttellgħu mal-moll. Żied jgħid illi kien ħa ritratti oħra ta' xi oġġetti li kien hemm fil-lanċa u li ġew indikati mill-ex spettur Ferris.

**Mario Abela,**[20] *valuation officer* mad-Dipartiment tad-Dwana, xehed illi kien ingħata *file* bit-total ta' sigaretti u żewġ *brands* differenti, sabiex jagħmel *valuation* tagħhom. Ix-xhud spjega illi hu u kollega tiegħu kienu ħarġu l-valur

---

[14] Fol.84-86
[15] Fol.87-89
[16] **DOK.KF** a fol.90
[17] Fol.88
[18] Fol.92 u **DOK.PS** a fol.93
[19] Fol.96-97 u **DOK.EC** a fol.98-102
[20] Fol.103-104 u **DOK.MA** a fol.105

ta' kull pakkett. Dak l-eżerċizzju sar skond id-data indikata u l-prassi li kienet applikata tul l-aħħar għaxar snin. Il-valur komputati minnu jammonta għal tnax il-elf, mija w tmenin Ewro (€12,180).[21]

**Staff Sergeant David Delia**[22] qal illi kienu rċevew telefonata miċ-ċentru tal-operazzjonijiet tal-AFM sabiex jipproċedu għal tliet mili 'l barra minn Żonqor fejn *Hurds Bank* sabiex ifittxu dgħajsa tas-sajd li kienet qed tagħmel *transhipment* ta' *cargo* minn fuq *MV Sterneborg* f'attività suspettuża. Ix-xhud spjega illi meta waslu fil-post raw il-vapur, fittxew l-*area* u raw id-dgħajsa tas-sajd MFC6996 u waqqfuha. Kienet sejra fid-direzzjoni tal-port ta' Marsaxlokk. Telgħu abbord u sabu l-i*skipper* Piero Di Bartolo u lil Trafford Vella.

Ix-xhud kompla jispjega illi immedjatament **fuq il-gverta sabu tlieta u għoxrin kaxxa, miksijin bil-boroż tal-*garbage* li kienu mxarrbin**. Meta staqsew lis-suspettati minn fejn kienu ġabuhom, qalulhom li oriġinarjament kienu ħarġu għas-sajd tal-lampuki, sabu dawk il-kaxxi mitluqin fil-baħar u ġabruhom:

> *Mill-ewwel irriżulta li huma sigaretti li ma kellhomx id-dazju mħallas, biss però mbagħad komplejna s-search tal-lanċa tas-sajd u ġewwa* ***sibna dsatax-il kaxxa oħra li dawn kienu xotti, iġifieri dawn fil-verità, l-kaxxi mhux kollha kienu nġabru mill-baħar, kien hemm minnhom xotti****......ta' barra l-garbage bag qisa kienet niedja. Kellha jew bin-nida jew bl-ilma baħar kienu nidjin. Biss però* ***ta' ġewwa kienu xotti****.*[23]

Ix-xhud qal illi malli raw illi dawk l-oġġetti "*kienu illegali*" taw il-*caution* liż-żewġ suspettati u daħlu lura lejn il-Port il-Kbir fejn għaddewhom lill-*Customs Officer* u lill-ispettur tal-Pulizija. Ix-xhud ikkonferma illi r-*wrapping* ta' barra, jiġifieri l-boroż, kienu mxarrbin iżda l-kaxxi fuq ġewwa kienu xotti. Ikkonferma wkoll illi abbord id-dgħajsa kien hemm biss dawk it-tnejn min-nies. Kompla jispjega illi kien jaf li l-kaxxi kien fihom is-sigaretti għaliex "*ftaħnihom ftit u dehru li kienu sigaretti.*"[24] Meta fetħu l-kaxxi, apparti l-imputati, kien hemm biss membri tal-AFM.

In kontro-eżami, ix-xhud qal illi l-operazzjoni saret fit-tmienja neqsin kwart ta' filgħodu. Mistoqsi jekk kienx ix-xemx jew le, qal illi kien għadu kmieni fil-ġurnata u "*ma kienitx dik is-sħana.*"[25]

---

21 **Dok.MA** a fol.105
22 Fol.110-114
23 Fol.111
24 Fol.112
25 Fol.114

**Master Edward Santillo,**[26] li jopera lanċa *offshore* mal-AFM, xehed illi kienu rċevew informazzjoni biex jipproċedu lejn Zonqor Point. Hu kien waħdu fuq il-52, *il-protector*, sabiex jassistu lil *PO3 id-dinghy*. Kienu rċevew mill-*control room* biex jipproċedu għall-assistenza. Kien filgħodu kmieni meta niżlu lejn Marsaxlokk u raw id-*dinghy* qiegħed mal-lanċa tas-sajd. Flimkien mal-kollegi l-oħra, resaq lejn il-lanċa u *"mal-ewwel daqqa t'għajn rajna ħafna kaxxi mgħottijin bl-iswed. Tip ta' garbage bag bit-tape u affarijiet minn dawn."*[27] Ix-xhud kompla jispjega illi huma ssupettaw li dawk il-kaxxi kienu sigaretti. Imbagħad daħlet ordni biex jipproċedu 'l ġewwa u daħlu l-Belt. Ix-xhud spjega illi meta l-lanċa tkun *fully operational,* tidħol waħedha taħt skorta. Jekk le, tiġi ttowjata. F'dan il-każ, skortaw id-dgħajsa 'l ġewwa. Ix-xhud qal illi hu tela' fuq id-dgħajsa meta daħlu l-Belt u mhux *at sea.* Qal illi kien hemm żewġ persuni abbord iżda ma setax jagħrafhom meta xehed. Rigward il-kaxxi, ix-xhud ikkonferma li kien rahom:

> *Kien hemm ammont mhux ħażin. U kien hemm qishom imcarrtin, għax hi plastic, teħillek ma' x'imkien tikxef u tara miktub l-isem tas-sigarett. U ċertu pożizzjoni tara right through minnu, tinduna li sigaretti, stajt ninduna jien.*[28]

Kompla jispjega illi uħud mill-kaxxi kienu qishom imqattgħin u kien jidher l-isem tas-sigaretti "*Royals.*" Ix-xhud qal li kien ħadilhom xi ritratti.[29]

**Gunner Jean Carl Felice,**[30] spjega illi dakinhar tal-akkadut kien qiegħed fuq id-*dinghy* tal-AFM, il-PO3, flimkien ma' tliet kollegi oħra. Kienu rċevew telefonata mill-*Ops Room* tagħhom sabiex javviċinaw lanċa, jagħmlu *verbal challenge* u jibbordjaw.

Ix-xhud spjega illi wara li għamlu *verbal challenge,* qalu lill-i*skipper* li kienu se jibbordjawha:

> *Kif tlajna l-iskipper qalilna li kien qed jistad għal-lampuki u waqt li kien qed jistad iltaqa' ma' xi kaxxi tas-sigaretti u qalilna li għabbihom.*[31]

L-uffiċjali informawh li kienu se jagħmlu *team inspection.* Kif daħlu fl-ewwel *living compartment* sabu 23 kaxxa miksijin bil-*garbage bags.* Imbagħad f'kompartament ieħor sabu 19-il kaxxa oħra. Sabiex jikkonfermaw, fetħu xi kaxxi u ndunaw li kien fihom is-sigaretti.

---

[26] Fol.115-120
[27] Fol.116
[28] Fol.119
[29] **DOKs.ES1-ES6** a fol.121-126
[30] Fol.127-134
[31] Fol.128

Ix-xhud ma setax jiftakar bl-amment l-isem tal-lanċa iżda kkonferma li abbord kien hemm żewġ individwi li hu identifika bħala l-imputati. Rigward il-kaxxi, ix-xhud qal illi kienu miksijin sewwa, *"kienu puliti iġifieri. Just miksijin sew bil-boroż."*[32] Kompla jispjega illi dawk li kienu fuq barra kienu *"naqa nidjin u ta' ġewwa kienu nixfin."*[33] Ix-xhud żied illi *"kellhom qtar tal-ilma iġifieri ma' kullimkien mhux just patch waħda."*[34] Ikkonferma illi meta fetħu l-kaxxi, l-i*skipper* kien preżenti. Imbagħad ingħataw struzzjonijiet biex jipproċedu lejn il-*customs* fejn taw *handover* lil tad-Dwana. Ix-xhud qal illi d-deċiżjonijiet jittieħdu l-aktar mill-*opsroom.* Mistoqsi jekk l-i*skipper* kienx qalilhom x'fihom il-kaxxi qabel ma dawn infetħu, ix-xhud spjega:

**Xhud:** *Iva kif tlajna abbord għednielu li se nagħmlu routine special qalilna li kienet għas-sajd għall-lampuki u qalilna wkoll li sab xi kaxxi taż-żibel, hekk*
**Pros:** *li kien diġà jaf x'fihom dawn il-kaxxi l-iskipper*
**Xhud:** *skond hu iva*
**Pros:** *skipper qed nirreferi għas-sur Piero Di Bartolo*
**Xhud:** *Yes*[35]

Ix-xhud qal illi ħadd ma kien qallu li dik id-dgħajsa kienet lanċa tas-sajd iżda l-iskipper kien qal li kien qed jagħmel xi tip ta' sajd għal-lampuki. Ikkonferma li fis-*search* ma sabux affarijiet oħra iżda biss il-kaxxi tas-sigaretti. Mistoqsi jekk kienx hemm affarijiet li kellhom x'jaqsmu mas-sajd, wieġeb:

*Ma niftakarx. Jista' jkun li kien hemm xi affarijiet fuq id-deck, fejn kienu l-iskipper u kollega tiegħu. Imma ma niftakarx li kien hemm, jew fejn kien l-affarijiet tas-sajd.*[36]

**Michael Savona,**[37] assistent reġistratur tal-bastimenti merkantili fi ħdan Transport Malta, ippreżenta *transcript of register* rigward id-dgħajsa *CHRISTIAN II* li kienet tinsab reġistrata fuq Sandra Abdilla.[38] Meta xehed fis-seduta tal-4 ta' Marzu, 2019, ix-xhud ikkonferma illi d-dgħajsa ma kellhiex reġistru għaliex kienet ilha kkanċellata mir-reġistru tal-bastiment minn Settembru 2017. Dan għaliex kienet ilha mill-2016 ma tħallas il-*fees.* Id-dipartiment kien bagħat diversi Notamenti, iżda baqgħu ma tħallsux u għalhekk l-awtoritajiet kellhom dritt jikkanċellaw id-dgħajsa.

---

32 Fol.129
33 Ibid
34 Ibid
35 Fol.132
36 Fol.133
37 Fol.141-143
38 **DOK.MS** a fol.144

Ix-xhud spjega illi d-dgħajsa kienet ġiet reġistrata l-ewwel darba fl-1996 fuq ċertu Carmel Vella u mbagħad ġiet trasferita fuq Sandra Abdilla fl-2014 u hekk baqgħet sakemm ġiet ikkanċellata fl-2017.

**Gordon Lungaro,**[39] in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sajd, ikkonferma illi d-dgħajsa *CHRISTIAN II* numru ta' reġistrazzjoni MFC6996 kienet ta' Sandra Abdilla bħala *owner*. L-operatur jew kaptan kien Piero Di Bartolo. Kienet reġistrata fuq Abdilla mill-2014 u l-aħħar liċenzja kienet valida mis-17 ta' Ġunju, 2015 sa Mejju, 2016. [40] Wara l-2016, id-dgħajsa kienet għadha rreġistrata fuq l-istess isem.

**Dr. Martin Bajada,**[41] espert tekniku nominat mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex joħroġ il-kontenut minn tliet ċellulari u GPS, ippreżenta r-relazzjoni tiegħu.[42]

**PC2424 Abigail Grech,**[43] kienet maħtura minn din il-Qorti kif preċedentement preseduta, fid-29 ta' Novembru,2021, biex tieħu ħsieb il-fotografija u l-iffilmjar ta' operazzjoni li kellu jagħmel ix-xjenzat nominat mill-Qorti, Godwin Sammut. Ix-xhud spjegat illi fil-5 ta' Jannar,2022 marret ġewwa n-*New Bonded Stores* tad-Dwana fil-Marsa u ġibdet filmat tal-operazzjoni kollha. Ħadet ukoll total ta' sitt ritratti li kienu annessi mar-rapport tagħha.[44] Dakinhar tal-operazzjoni, apparti l-pulizija, uffiċjali tad-Dwana u l-espert Sammut, kien hemm ukoll iż-żewġ imputati.

**Godwin Sammut,**[45] xjenzat nominat mill-Qorti sabiex jistabbilixxi jekk il-materjal elevat u esibit hux sigaretti, xehed illi fil-5 ta' Jannar, 2022 waranofsinhar kien mar ġewwa Mifsud Verandah New Bonded Stores, il-Marsa, flimkien mal-pulizija, uffiċjal tad-Dwana u l-imputati. Hemmhekk ġie muri kaxxi tas-sigaretti bil-kliem *Business Royals* u *American Legend*. Peress illi l-kunsinna kienet minn *lot* wieħed, ġie deċiż li jittieħdu żewġ kaxxi *at random* minn kull ditta. Dawk il-kaxxi kienu ssiġillati ġewwa basket tal-karti fil-preżenza ta' dawk kollha preżenti u s-siġill kien ukoll iffirmat.[46] Imbagħad il-kaxxi ttieħdu ġewwa l-laboratorju. **Il-kampjuni rriżultaw kollha pożittivi għan-nikotina**. Ir-riżultati kienu fir-rapport ippreżentat mill-espert.[47]

---

[39] Fol.147-149
[40] **DOK.GL1** u **DOK.GL** rispettivament a fol.150-159
[41] Fol.176-177
[42] **DOK.MB** a fol.178-299
[43] Fol.310-311
[44] **DOK.AG1** a fol.312-322
[45] Fol.323-324
[46] **DOK.GS2**
[47] **DOK.GS1** a fol.325-339

*Xhieda tal-Imputati*

**Piero Di Bartolo**[48] xehed fis-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2024 u qal illi ġurnata qabel l-inċident in kwistjoni kien ċempel lil Trafford Vella biex joħorġu jistadu peress illi ra illi t-temp kien bnazzi. Spjega illi dak iż-żmien xogħlu ma kienx fuq il-baħar u d-dgħajsa kienet reġistrata bħala *leisure* mhux għax-xogħol. Kienu ħarġu minn Birżebbuġa u marru 'l barra mill-Jerma, il-ponta ta' Marsascala. Spjega li marru jfittxu l-kannizzati tal-lampuki fuq il-baħar biex imorru bir-rixa għal-lampuki. Imbagħad meta ħarġu 'l barra, lemħu *"koċċ dgħajjes iduru"*[49] u ħaseb li kien hemm xi kannizzata. Kienu *parluzzi,* dgħajjes żgħar, filwaqt li d-dgħajsa tiegħu kien fiha xi ħames metri. L-imputat qal illi meta waslu fuq il-post sabu illi dawk id-dgħajjes kienu qegħdin jiġbru xi kaxxi minn fuq il-baħar:

> *Aħna għamilna bħalhom. Issa, peress li huma kienu żgħar ġabru li kellhom ġabru u telqu 'l ġewwa. U aħna ġbarna li kien hemm u ġejt lura.*[50]

Ix-xhud kompla jispjega illi kien hemm xi ħames jew sitt dgħajjes separati li peress li kienu żgħar ġabru kaxxa jew tlieta. Għaraf lil wieħed minn wiċċu bħala persuna minn Marsaxlokk li kellu luzzu, imma ma kienx jaf min hu eżatt. Rigward il-kaxxi, ix-xhud qal illi kienu marbutin bil-ħabel wara xulxin u mgħottijin bi xkora sewda tal-plastik. Kienu marbutin ħamsa ħamsa. Kompla jistqarr illi għalkemm kien ilu imur fuq il-baħar u qabel xogħlu kien fuq il-baħar, qatt ma kien iltaqa' ma' xi ħaġa bħal din. Ikkonferma illi qatt ma kien ġabar xi affarijiet oħra qabel. Mistoqsi x'għadda minn rasu dakinhar, wieġeb:

> *Ma nafx, jien għamilt bħalhom, ġbarthom, tfajthom ġo dgħajsa u mort 'il ġewwa.*[51]

Ix-xhud kompla jispjega illi l-kaxxi kien fihom xi żewġ piedi. Wara li ġabarhom daħlu 'l ġewwa bil-mod. Ma komplewx is-sajda għalkemm xorta baqgħu bir-rixa fuq il-baħar. Qal illi s-sajda ma dametx. *"...kemm morna ħriġna u dħalna."*[52]

Ix-xhud qal illi huma u deħlin kien hemm *dinghy* bis-suldati li kien sejjer 'il barra u mbagħad ra lilhom u dar lejhom. Trakka magħhom, talbuhom il-*logbook* tad-dgħajsa u hu qalilhom li kellu jneħħi l-kaxxi biex iġib il-*logbook:*

[48] Fol.368-377
[49] Fol.369
[50] Fol.370
[51] Fol.371
[52] Fol.372

*Qalli, "X'kaxxi huma?!" "Dawk il-kaxxi li qed taraw hemmhekk sibthom fuq il-baħar." Imbagħad ġie wieħed minnhom, qalli, "Ġib waħda." Ġab u fetaħha hu biex...qalli, "Dawn taf li sigaretti?!" Ma kontx naf. Fil-fatt kienu magħluqin eh. Ma ftaħthomx jiena.*[53]

L-imputat qal illi l-kaxxi kienu magħluqin, anzi "*issiġillati*" u sostna li ma kienx jaf x'fihom sakemm fetħuhom l-uffiċjali tal-armata. Hu kompla jispjega illi f'dak il-lok kien hemm ħafna vapuri u biex imorru jistadu għal-lampuki riedu jgħaddu mill-vapuri, imbagħad viċin il-kannizzati "*peress li jagħmel id-dell.*" Ix-xhud qal illi ma kienx avża li ħerġin mill-port għaliex kellu javża biss meta joħroġ aktar minn ħamsa u għoxrin mil u huma kienu ħarġu 'l barra xi seba' mili biss. Mistoqsi dwar xi telefonata li rċieva jew għamel dakinhar, l-imputat qal illi hu kien iċempel lil sħabu biex jara jekk qabdux xi ħaġa, kif kien il-baħar u hekk. Dakinhar tal-akkadut kien kellem lil ċertu Ġanni, ieħor Jean u rċieva telefonata minn ċertu Bertu miż-Żejtun.

In kontro-eżami, l-imputat ikkonferma illi d-dgħajsa kienet irreġistrata fuq martu, Sandra Abdilla. Ma kienx jaf l-isem tal-post fejn kienu jankraw il-vapuri iżda kien jaf li kien hemm sikka u għalhekk il-bastimenti kienu jankraw hemmhekk. Mistoqsi dwar l-ammont ta' kaxxi li kienu għabbew, wieġeb:

*Mela ma niftakarx! Xi erbgħin (~40) kienu.*[54]

L-imputat qal illi meta waslu tal-armata, dawk il-kaxxi kienu għadhom imgeżwrin ġo boroż suwed:

**Pros:** *U **ma ġietkomx kurżita` tgħabbu erbgħin kaxxa ġod-dgħajsa tagħkom u ma tafux x'intom tgħabbu**?*
**Ix-xhud:** *Jiena biex ngħidlek il-verità bżajt. Issa għidtlu, nidħlu 'l ġewwa u niftħuh hemm ġew.*
**Pros:** *Imma għaliex bżajt?*
**Ix-xhud:** *Ma nafx, ma nafx x'kien. Jien infatti għabbejt kif għamlu l-oħrajn, imma ma nafx x'fihom.*
**Pros:** *Għax jekk **xi ħaġa tibża minnha ma tagħmilhiex**.*
**Ix-xhud:** *Iva, imma l-ewwel għabbejt, imbagħad, għidt aħajr nidħol 'il ġewwa u forsi jkun hemm xi ħadd ieħor.*
**Qorti:** *Però ma rajthiex stramba dawn jiggalleġġaw hemm?*
**Ix-xhud:** *Sorry?*
**Qorti:** *Ma rajthiex stramba tara xi ħaġa tiggalleġġa-*
**Ix-xhud:** *Iva, forsi jistgħu jkunu toys, jistgħu jkunu ħafna affarijiet. Ma nafx kif għamlu l-oħrajn*
**Qorti:** *Imma tiċċekkja, forsi hemm ħut mejjet fiha.*

---

[53] Fol.373
[54] Fol.375

| | |
|---|---|
| **Ix-xhud:** | *Kif għamlu l-oħrajn għamilna aħna.* |
| **Pros:** | *Jew hemm splussiv li forsi tista' tkun....* |
| **Ix-xhud:** | *Kif għamlu l-oħrajn, għamilt jien.*[55] |

**Ċertament dikjarazzjoni li la tagħmel sens u hi inveritjiera għall-aħħar!** Iktar u iktar meta jinsisti li wara li tgħabbew il-kaxxi ma komplewx jistadu iżda telqu lura lejn l-art biex ineħħu dawk il-kaxxi u jara x'inhuma. Mistoqsi jekk kinux avżaw lit-turretta meta sabu dawk l-affarijiet, l-imputat wieġeb illi ma kienx jaf li kellu jagħmel hekk:

> *Le, navża lit-turretta meta jiena noħroġ 'il barra iktar minn ħamsa u għoxrin mil.*[56]

**Trafford Vella**[57] xehed illi l-unika ambizzjoni f'ħajtu dejjem kienet li jaqbad karriera fuq il-baħar u s-sajd. Spjega illi kien sar jaf li l-ko-imputat Di Bartolo kellu bżonn lil xi ħadd biex jagħtih daqqa t'id u għalhekk kien avviċinah. Mill-ewwel dak qallu li kollox sewwa. Vella qal li kien ħareġ miegħu fuq il-baħar xi darbtejn jew tlieta. Di Bartolo kien dejjem javżah minn ġurnata qabel u jindikalu, *"per eżempju: 'Immorru sajda all lungo?' Skond l-istaġun illi jkun dak iż-żmien.'"*[58] Ix-xhud ikkonferma illi l-bastiment li kienu jmorru bih fuq il-baħar kellu n-numru ta' reġistrazzjoni MFC 6996 li kien jappartjeni lil Sandra Abdilla. Di Bartolo kien ukoll involut. Ix-xhud ikkonferma illi l-inċident seħħ f'Awwissu, waqt l-istaġun tal-lampuki u dak is-sajd kien kopert bil-liċenzja. Fil-fatt id-dgħajsa kienet illiċenzjata bħala li tista' trejjex u tistad għall-konzijiet.

Ix-xhud qal illi hu kien joħroġ ma' Di Bartolo għall-esperjenza u qatt ma rċieva xi ħlas jew paga. Spjega illi dakinhar tal-akkadut, kienu ftiehmu li joħorġu fl-erbgħa u nofs ta' filgħodu. Iċċekkjaw il-magni u l-fuel, startjaw il-magni u qabdu ħerġin waqt li tefgħu rixa huma u ħerġin. Kienu madwar tlett jew erba' mili 'l barra mill-ewwel art, meta l-kaptan qallu li kien hemm xi ċimi maqtugħin. Ix-xhud spjega illi kien hemm xi nies ma' dawk l-oġġetti. Hu ħaseb li kienu ċimi u spjega li dak iż-żmien ma kellux esperjenza:

> *......jien ġejt infurmat illi huma kannizzati tal-lampuki maqtugħin u kien hemm in-nies u jiena għalija dawka kannizzati tal-lampuki....Jiġifieri ma kelli esperjenza ta' xejn fuq il-baħar. Jiena kieku għidtli: "Isma ħares dak sufrun" minn fuq l-art ngħidlek: "Dak sufrun."*[59]

---

[55] Fol.376
[56] Fol.377
[57] Fol.379-414
[58] Fol.382
[59] Fol.385-386

Ix-xhud kompla jispjega illi qabel dawk l-okkażjonijiet li ħareġ fuq il-baħar ma' Di Bartolo, ma kellu esperjenza ta' "*xejn, xejn, xejn.*"[60] Wara li raw dawk l-oġġetti li għalih kienu kannizzata, bdew jgħabbuhom u "*imbagħad sibna lill-Forzi Armati magħna.*"[61] Kompla jispjega illi dawk l-uffiċjali saqsewhom jekk kellhomx armi abbord u qalulhom li kienu se jagħmlu *inspection.* Waqt li s-suldati telgħu abbord u daħlu jagħmlu *inspection,* hu kien qiegħed bilqiegħda fuq il-poppa tad-dgħajsa. Ix-xhud qal illi meta wieħed mill-uffiċjali saqsieh jekk kienx jaf x'inhuma dawk l-oġġetti, huwa wieġbu:

> *M'għandix idea li naf li huma kannizzati, ġejt infurmat li huma kannizzati tal-lampuki maqtugħin.* [62]

L-imputat kompla jgħid kif imbagħad kienet ħarġet il-lanċa l-kbira tal-Forzi Armati biex teskortahom sad-*Deep Water Quay.* Kien meta waslu hemmhekk illi ġie infurmat illi dawk kienu sigaretti. Hu beda jsaqsi x'kien ifisser dak, peress illi ma kellux esperjenza f'dawk l-affarijiet. F'dak il-punt hu u Di Bartolo kienu ttieħdu d-Depot.

Ix-xhud kompla jispjega illi minkejja dik "*l-esperjenza kerha*" baqa' jsegwi dik l-isfida tiegħu u fil-fatt laħaq kaptan. Huwa esebixxa sensiela ta' dokumenti sabiex jipprova l-kwalifiki tiegħu, kif ukoll *reference letter* minn kumpanija għal kumpanija oħra li kienet tikkonferma illi kien dejjem *smart* fuq ix-xogħol tiegħu bħala *Boat Master,* dejjem kellu reputazzjoni tajba mad-Dwana u qatt ma kellu inċidenti magħhom. Kompla jisħaq illi għalkemm illum kellu esperjenza vasta, fi żmien l-incident l-esperjenza tiegħu kienet "*zero.*"[63]

**Preliminari**

In linea preliminari, il-Qorti tosserva illi l-prosekuzzjoni ippreżentat l-istqarrijiet rilaxxati miż-żewġ imputati għaxar snin ilu, fi żmien meta l-Liġi Maltija kienet tagħti biss dritt lil persuna suspettata li tikkonsulta ma' avukat għal mhux aktar minn siegħa qabel ma tiġi interrogata. Il-Liġi Maltija kienet għadha ma tikkontemplax d-dritt li persuna suspettata tkun assistita minn avukat kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni. Fil-fatt, dak id-dritt ġie introdott fis-sistema tagħna permezz tal-Att LI tal-2016 u daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru ta' dik is-sena. Piero Di Bartolo irrilaxxa erba' stqarrijiet, fid-19 u t-22 ta' Awwissu, 2015, fil-5 ta' Settembru, 2015 u fit-3 ta' Ottubru, 2015. Fl-ewwel tliet stqarrijiet, Di Bartolo ikkonferma illi kien kellem lill-avukat ta'

---

[60] Fol.386
[61] Ibid
[62] Fol.387
[63] Fol.393

fiduċja tiegħu qabel ma ġie interrogat, filwaqt illi fir-raba' u l-aħħar stqarrija ikkonferma li ma kienx għamel użu mid-dritt għal parir legali. Trafford Vella irrilaxxa tliet stqarrijiet fid-19 u 22 ta' Awwissu, 2015 kif ukoll fit-3 ta' Ottubru, 2015. Huwa kkonferma illi qabel l-ewwel żewġ stqarrijiet kien ħa parir legali qabel ma ġie interrogat, waqt li għażel li ma jeżerċitax dak id-dritt għal parir legali qabel it-tielet interrogazzjoni. Disa' snin wara, meta l-każ daħal fl-istadju finali tiegħu, iż-żewġ imputati għażlu li jixhdu *viva voce* f'dawn il-proċeduri.

Qabel dik it-testimonjanza, l-avukati ta' Vella ippreżentaw rikors sabiex din il-Qorti, kif diversament preseduta, tagħti deċiżjoni dwar l-ammissibbilita` o meno tal-istqarrijiet li kienu ġew rilaxxati mill-imputat meta ma kellux id-dritt ta' assistenza legali waqt l-istess interrogazzjoni.[64] Fis-seduta tal-20 ta' Marzu, 2023, din il-Qorti, kif preċedentement preseduta, ddikjarat:

> **"....l-istqarrijiet mogħtija miż-żewġ imputati, la darba dawn ingħataw mhux fil-preżenza u bl-assistenza ta' Avukat, bħala bla ebda valur probatorju;**
> **Ukoll ma għandhom ebda valur probatorju kwalunkwe referenza għal tali stqarrijiet."**[65]

A bażi ta' din id-dikjarazzjoni, in linea ma' skorta ta' ġurisprudenza tal-Qrati tagħna kif ukoll tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, din il-Qorti mhix se tagħti valur probatorju lill-istqarrijiet rilaxxati mill-ko-imputati meta tanalizza u tiżen l-assjem tal-provi sabiex tiddeċiedi jekk il-prosekuzzjoni irnexxilhiex tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest mil-liġi.[66] L-istess jgħodd għal kwalunkwe dikjarazzjoni li entrambi l-imputati setgħu għamlu f'kull stadju tal-investigazzjoni meta huma ma kinux legalment assistiti u qabel ma ġew mixlija quddiem Qorti ta' ġustizzja kriminali. Fl-aħħar mill-aħħar, l-importanza li persuna suspettata tkun assistita minn avukat f'kull stadju tal-investigazzjoni, hija sabiex ikun aċċertat li d-drittijiet kollha tal-imputat ikunu salvagwardati. Il-preżenza tal-avukat sa mill-bidu tal-investigazzjoni hija meħtieġa wkoll sabiex id-difensur ikun jista' jistrada d-difiża tiegħu u dan, mhux biss fl-interess tal-imputat innifsu iżda wkoll sabiex il-proċess ġuridiku jkun wieħed ġust.

Għaldaqstant, hija t-testimonjanza *viva voce* li taw iż-żewġ imputati f'dawn il-proċeduri, meta kienu assistiti mill-abbli difensuri tagħhom u meta għażlu minn rajhom li ma jeżerċitawx id-dritt tas-silenzju, li għandha tingħata piż probatorju fl-analiżi tal-provi li trid tagħmel il-Qorti.

---

[64] Fol.348
[65] Fol.349
[66] Vide fost oħrajn **Mario Borg vs Malta (QEDB) deċiża fit-12 ta' Jannar, 2016; Il-Pulizija vs Claire Farrugia (App. Krim.) per Onor Imħallef Consuelo Scerri Herrera, deċiża fl-20 ta' Novembru, 2018; Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et (Qorti Kostituzzjonali), deċiża fil-5 t'Ottubru, 2018.**

Illi kuntrarjament għall-kamp ċivili, fejn min iressaq pretensjoni irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanċ ta' probabbilitajiet, fil-kamp kriminali l-oneru jaqa' fuq il-prosekuzzjoni sabiex tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju raġonevoli. Il-Qorti tal-Appell Kriminali tkellmet fid-dettal dwar dan il-grad ta' prova fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graziella Cutajar**:[67]

> ......biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali ma teħtieġx li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija mnissla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imressqa minnha.
>
> Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita`, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.
>
> Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[68] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Il-Qrati tagħna tkellmu fit-tul dwar dan il-prinċipju bażiku pprattikat fil-proċediment kriminali, kif miġbur fl-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"* u partikolarment, b'referenza għall-ispjegazzjoni mogħtija minn Lord Denning fil-każ **Miller vs Minister of Pensions [1947]- 2 ALL ER 372** fejn intqal illi:

> "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."

Hekk ukoll, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara** ddikjarat illi:[69]

> ....fil-kamp penali ġudikant irid ikun moralment konvint mill-htija ta' dak li jkun biex jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor skond il-ligi, provvediment, però, li jimporta kundanna.

---

[67] Per l-Onor Imħallef Consuelo Scerri Herrera, deċiża fl-10 ta' April, 2025.
[68] R v Majid, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[69] Per is-S.T.O Vincent Degaetano, deċiża fid-9 ta' Settembru, 2002.

Il-Qorti tosserva wkoll, preliminarjament, illi oltre x-xhieda tal-uffiċjali tal-Forzi Armati li kienu involuti fl-operazzjoni ta' interċettazzjoni u tfittxija mertu ta' dawn il-proċeduri, il-Pulizija identifikaw terza persuna li qalet li kienet preżenti fuq il-baħar fil-viċinanzi fejn seħħ l-inċident. Dan ix-xhud allegatament ikkonferma mal-Pulizija illi kien ra id-dgħajsa *CHRISTIAN II* viċin il-vapur u persuna twaddab il-kaxxi minn fuq il-vapur.[70] Għaldaqstant, a bażi ta' din l-informazzjoni, fis-7 ta' Settembru, 2015 il-prosekuzzjoni kienet talbet lill-Maġistrat Inkwirenti, Dr. Gabriella Vella, sabiex testendi l-inkarigu tal-espert tekniku biex jiġbor ix-xhieda ġuramentata ta' dak ix-xhud okulari, meqjus bħala "*indispensabbli*" għall-Pulizija.[71] Jumejn wara, dik it-talba ġiet milqugħa mill-Maġistrat Inkwirenti li estendiet l-inkarigu tal-espert "*sabiex jisma' u jieħu x-xhieda bil-ġurament*" ta' dak ix-xhud.[72] Mill-atti proċesswali jirriżulta illi l-espert wettaq doverożament l-inkarigu tiegħu, kif fil-fatt ikkonferma l-Ispettur Shaun Scicluna, wieħed mill-uffiċjali prosekuturi preċedenti, meta fis-seduta tat-3 t'April, 2017 xehed is-segwenti:

> *Kemm nikkonferma li jien kont preżenti waqt din ix-xhieda ġuramentata...*[73]

Iżda sa dakinhar li xehed dan il-prosekutur, it-testimonjanza ġuramentata ta' dak ix-xhud okulari jidher li kienet għadha ma ġietx ippreżentata la fl-atti tal-inkjesta, li kienet diġà ingħalqet, u lanqas sussegwentement f'dawn il-proċeduri. Fil-fatt, il-Qorti, kif preċedentement preseduta, kienet osservat illi:

> **Probabilment [l-Inkjesta Maġisterjali] ingħalqet mingħajr kien għadu ma lestiex ir-rapport tiegħu. Dak issa eventwalment jiġi hawnhekk.**[74]

Din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti proċesswali u mkien ma sabet din ix-xhieda. Jidher illi għalkemm il-prosekuzzjoni kkonfermat illi din ix-xhieda nġabret, tant li wieħed mill-ispetturi kkonferma li kien preżenti meta x-xhud irrilaxxa dikjarazzjoni ġuramentata, l-ebda traskrizzjoni jew imqar *recording* ta' dik id-dikjarazzjoni ma tinsab fl-atti proċesswali. Għalkemm l-espert tekniku tela' jixhed u ppreżenta rapport fuq l-inkarigu oriġinali tiegħu, il-prosekuzzjoni baqgħet qatt ma ħarrkitu sabiex jippreżenta ix-xhieda ġuramentata ta' dak ix-xhud okulari. Il-Qorti tqis li kien jispetta lill-prosekuzzjoni li taċċerta illi xhieda tal-uniku xhud okulari li jidher li kellha, tiġi inserita fl-atti. Jekk l-inkjesta maġisterjali laħqet ingħalqet qabel ma l-espert kien irrelata dwar dik il-parti tal-inkarigu tiegħu, kien jispetta lill-prosekuzzjoni li tħarrku sabiex jippreżenta f'dawn il-proċeduri tali xhieda tant "indispensabbli" għall-każ tagħha! Meta

[70] Fol.68
[71] Atti tal-Inkjesta a fol.72 u Nota a fol.6 tal-istess Atti.
[72] Fol.8 tal-Inkjesta Maġisterjali a fol.72
[73] Fol.74
[74] Fol.73

tqis li din il-kawża damet għaddejja għaxar snin, il-Qorti temmen illi l-prosekuzzjoni altru milli kellha żmien biżżejjed sabiex tirrealizza li din ix-xhieda kienet nieqsa u biex tieħu dawk il-passi kollha neċessarji sabiex tirrimedja tali nuqqas! Il-Qorti tagħmel referenza għal dak li iddikjarat il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Roy Joseph Cremona:**[75]

> **Fil-proċess kriminali kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll l-akkużat għandhom mhux biss id-dritt li jġibu provi, iżda li jirregolaw huma xi provi jġibu. S'intendi, jridu jiġu osservati r-regoli ta' proċedura relattivi għal produzzjoni tal-provi. Fost dawn jinkombi fuq min iġib prova li dik il-prova tkun l-aħjar prova. Infatti, l-Artikolu 634(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi li bħala regola, għandu jitqies li tinġieb l-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xhieda tiegħu tkun importanti.**

Magħmulin dawn il-kunsiderazzjonijiet preliminari, il-Qorti sejra issa tevalwa l-provi mressqa sabiex tasal għall-konklużjoni dwar jekk ir-reati addebitati lill-imputati ġewx sodisfaċentement ippruvati.

<u>*Il-fatti fil-qosor*</u>

Dan il-każ beda fid-19 ta' Awwissu,2015 meta membri tal-Iskwadra Marittima tal-Forzi Armati ta' Malta, ir-*Rapid Deployment Platoon*, irċevew informazzjoni dwar attività illegali li allegatament kienet qed isseħħ diversi mili barra l-Ponta taż-Zonqor, viċin Hurd's Bank. Dik l-informazzjoni kienet tgħid illi kwantità ta' kaxxi, suspettati kontenenti sigaretti, kienu qed jinħattu minn fuq vapur bl-isem *ST JERNEBORG* għal fuq dgħajsa tas-sajd. Dak il-vapur kien ankrat fuq Hurd's Bank u l-aħħar destinazzjoni tiegħu qabel Malta kienet il-Libja. Skond l-istess informazzjoni li daħlet ġewwa l-*Control Room* tal-AFM, xi affarijiet kienu intremew il-baħar u nġabru minn dgħajsa sabiex allegatament jiddaħħlu Malta bil-kuntrabandu.

A bażi ta' dik l-informazzjoni, għall-ħabta tat-7:45 hrs ta' filgħodu, uffiċjali tal-Armata interċettaw u waqqfu dgħajsa bl-isem ta' *CHRISTIAN II.* Abbord kien hemm l-i*skipper,* identifikat bħala Piero Di Bartolo, flimkien mal-uniku membru tal-ekwipaġġ tiegħu, Trafford Vella. Minn investigazzjoni preliminari irriżulta li abbord kien hemm 42 *Master Case* ta' sigaretti, 30 tal-marka *Business Royals* u 12 tal-marka *American Legend.* Dawn il-kaxxi kienu mgeżwrin fi *plastic* iswed. **Dawk li kienu fuq il-gverta kienu mxarrbin. Oħrajn li kienu ġewwa, kienu xotti.** Iż-żewġ suspettati qalu illi kienu għas-sajd tal-lampuki meta sabu dawk il-kaxxi fil-baħar u ġabruhom. Stqarrew ukoll illi kien hemm dgħajjes oħra li

[75] Per Onor Imħallef Consuelo Scerri Herrera, deċiża fil-25 ta' Mejju,2023, Appell Nru. 90/2017

wkoll ġabru xi kaxxi u telqu. L-uffiċjali fetħu xi kaxxi u kkonfermaw li kienu jikkontjenu sigaretti. Il-kaptan u l-membru tal-ekwipaġġ ġew arrestati u d-dgħajsa tagħhom ġiet skortata lejn il-Port il-Kbir, waqt li ġew infurmati d-Dwana u l-Pulizija li komplew bl-investigazzjonijiet tagħhom.

Il-kaxxi nħattu għal fuq il-moll tad-*Deep Water Quay* viċin il-*baggage room* tal-uffiċju tad-Dwana, inħarġet riċevuta lil Di Bartolo u s-sigaretti ttieħdu taħt il-kustodja tad-Dwana. Id-dgħajsa, li rriżultat li kienet irreġistrata f'isem mart Di Bartolo, ukoll ittieħdet taħt il-kustodja tad-Dwana u baqgħet tinżamm fil-maħżen tad-dipartiment ġewwa Ħal Far.

Sussegwentement, inħarġu akkużi fuq talba tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana u tal-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront ta' Di Bartolo, f'ismu proprju kif ukoll fil-kapaċità tiegħu bħala kaptan tal-bastiment *CHRISTIAN II* flimkien ma' Trafford Vella talli allegatament bil-kompliċità u l-kooperazzjoni ta' xulxin, xjentement ippruvaw idaħħlu f'Malta sigaretti bla dazju bil-ħsieb li jiġi ffrodat il-Gvern ta' Malta. Di Bartolo ġie separatament mixli bi ksur tar-Regolamenti dwar il-Bastimenti tas-Sajd u, ulterjorment, bi ksur ta' kundizzjonijiet imposti fuqu b'ordni tal-Qorti fis-7 ta' Frar, 2006.

**Ikkunsidrat;**

Mill-atti proċesswali jirriżultaw is-segwenti provi saljenti b'rabta ma' dawn l-imputazzjonijiet:

i) L-investigazzjoni skattat minn informazzjoni kunfidenzjali li waslet għand il-Forzi Armati ta' Malta nhar id-19 ta' Awwissu, 2015 dwar allegata attività illegali ta' *transhipment* ta' *cargo* minn vapur, ankrat diversi mili 'l barra mill-ponta ta' Birżebbuġa, għal fuq dgħajsa li dehret tiġbor xi affarijiet mill-baħar.[76]

ii) Dakinhar stess kmieni filgħodu, għall-ħabta tat-tmienja neqsin kwart, xi membri mir-*Rapid Deployment Platoon* tal-Forzi Armati, ħarġu fl-akkwati ta' Hurd's Bank fejn interċettaw u waqqfu dgħajsa bl-isem ta' *CHRISTIAN II* li fuqha kien hemm il-kaptan u membru tal-ekwipaġġ, sussegwentement identifikati bħala l-imputati.

iii) Minn tfittxija preliminari li dawk l-uffiċjali tal-Armata wettqu abbord id-dgħajsa, irriżulta li kien hemm **42 kaxxa, mgeżwrin ġo *plastic* iswed u mdawwrin bit-*tape*. Tlieta u għoxrin kaxxa nstabu barra**

[76] Fol.27-28 u fol.110-111

**fuq il-gverta u kienu mxarrbin. L-oħrajn kienu ġewwa u kienu xotti**. Dan il-fatt inkontestat ġie kkonfermat minn tliet membri tal-Armata li ħadu sehem fl-operazzjoni fuq il-baħar. Wieħed mill-uffiċjali ippreżenta sitt ritratti li ħa personalment tal-kaxxi kif misjuba fuq id-dgħajsa u kif sussegwentement inħattu għal fuq il-moll.[77] L-istess imputat Di Bartolo ikkonferma li kienu ġabru xi erbgħin kaxxa.[78]

iv) L-uffiċjali tal-Armata fetħu xi wħud minn dawk il-kaxxi u kkonfermaw illi "*kienu kaxxi tas-sigaretti.*"[79]

v) Il-**kontenut tal-kaxxi ġie xjentifikament ikkonfermat bħala tabakk** minn espert forensiku li kien nominat mill-Qorti biex jeżamina kampjuni meħudin minn dawk il-kaxxi, wara li d-difiża tal-imputati kolleġġjalment ivverbalizzat illi ma kienitx "*f'pożizzjoni li taċċetta li l-materjal elevat u esebit u mertu ta' din il-kawża jikkonsisti f'sigaretti/tabakk għall-finijiet ta' din il-kawża.*"[80] Ix-xjenzat Dr Godwin Sammut sussegwentement ikkonferma illi l-kampjuni meħudin *at random* "*irriżultaw kollha pożittiv għan-nikotina.*"[81]

vi) Sa mill-bidu tal-investigazzjonijiet, l-imputat Di Bartolo dejjem ċaħad li kien jaf li kienu se jintremew dawk il-kaxxi minn fuq il-vapur *ST JERNEBORG.* Hu insista li kien ħareġ jistad għal-lampuki u sab dawk il-kaxxi b'mod aċċidentali. Il-ko-imputat Vella dejjem ċaħad l-involviment tiegħu f'din l-attività u sostna li l-kaxxi nstabu "*kumbinazzjoni.*"[82]

vii) Pendenti l-investigazzjoni, qabel ma l-imputati ġew mixlija fil-Qorti, il-pulizija rċeviet informazzjoni anonima dwar "*ċertu persuna minn Hal Qormi magħrufa bħala l'-Ġobon' bl-isem ta' Christopher Azzopardi li kien propju bagħat lil Piero Di Bartolo kif ukoll lil Trafford Vella, kienu miftehmin biex jiġbru dawn is-sigaretti eventwalment.*"[83]

Sussegwentement, kien hemm persuna oħra li avviċinat lill-pulizija u qalet li "*kienet rat is-sigaretti jiġu mormija minn fuq il-bastiment il-kbir, l-[ST JERNEBERG], fejn kien hemm id-dgħajsa CHRISTIAN II qegħda viċin*

77 Fol.121-126
78 Fol.375
79 Fol.128
80 Fol.306
81 Fol.323 faċċata ta' wara
82 Fol.30-31
83 Ibid

*tagħha, tiġbor dawn il-kaxxi."*[84] Għalkemm il-prosekuzzjoni ikkonfermat illi dan ix-xhud irrilaxxa dikjarazzjoni quddiem espert tal-Qorti, nominat appożitament biex jaqdi dan l-inkarigu, tali xhieda baqgħet nieqsa minn dawn l-atti proċesswali. Tali nuqqas ifisser illi kull m'għandha quddiemha l-Qorti hija referenza għal din ix-xhieda miż-żewġ uffiċjali prosekuturi li oriġinarjament xlew lill-imputati u x-xhieda ta' wieħed minnhom fejn ikkonferma illi hu kien preżenti meta x-xhud okulari irrilaxxa d-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu. Iżda dik id-dikjarazzjoni *"indispensabbli"* għadha sal-lum ma tifformax parti mill-atti proċesswali u tali nuqqas qatt ma ġie issanat. Għaldaqstant, il-Qorti la għandha quddiemha x-xhieda ġuramentata ta' dan ix-xhud u lanqas ma kellha l-opportunita` li tisimgħu jikkonferma l-verżjoni tiegħu *viva voce* f'dawn il-proċeduri.

Dwar tali xhieda fuq kliem ħaddieħor- f'dan il-każ fuq dikjarazzjoni ġuramentata ta' ħaddieħor- u jekk din għandhiex titqies bħala inammissibbli skond ir-regoli tal-*hearsay evidence,* il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) tkellmet fid-dettall f'sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Azzopardi:**[85]

> **27.** Illi d-disposizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw il-*hearsay evidence,* u ċioe`, l-artikoli 598 u 599 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta reżi applikabbli għall-Kodiċi Kriminali permezz tal-artikolu 520(1)(d) u 645, jqisu din l-evidenza nieqsa minn valur probatorju dwar il-fatti li x-xhud jgħid li sema' minn għand ħaddieħor u dan meta hemm stipulat illi "*bħala regola, il-qorti ma tiħux qies* ***ta' xhieda dwar fatti*** *li x-xhud jgħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom lil ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xhieda fuq dawk il-fatti."* Illi mbagħad l-artikolu 599 jippermetti lill-Qorti tieħu kont ta' din l-evidenza meta l-kliem li jingħad "*<u>ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu</u>; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra."* Bil-liġi tindika dawk il-każijiet "*ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitu`, ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd."*
>
> **28.** Illi magħdud dan, mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi *hearsay evidence,* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. <u>Dak rakkontat jista' jikkostitwixxi prova li dak id-diskors verament intqal lix-xhud mit-terz, iżda dak id-diskors bl-ebda mod ma jammonta bħala prova tal-kontenut jew tal-veraċità tal-fatt mistqarr mit-terz. Dan jista' jittieħed bħala prova korroborattiva f'każ lit-terz jixhed dwar dak il-fatt.</u> **<u>[Sottolinjar ta' din il-Qorti]</u>**

[84] Fol.31

[85] Per is-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti u l-Onor. Imħallfin Edwina Grima u Giovanni Grixti, Att tal-Akkuża Nru. 26/2023, deċiża fl-4 ta' Diċembru,2024.

Fid-dawl ta' dan l-insenjament ġurisprudenzjali, il-Qorti tosserva illi dak li qalu ż-żewġ uffiċjali tal-pulizija dwar dak li rrakkontalhom dan ix-xhud, kien biss wieħed minn sensiela ta' indizji li flimkien jikkorroboraw it-teżi tal-prosekuzzjoni. Kliem dak ix-xhud kien importanti, stante li kien direttament marbut ma' *"il-mertu tal-kawża"* u ċioe` dik l-attività li allegatament ra isseħħ quddiem għajnejh fuq il-baħar, liema attività tifforma parti mill-inċident mertu tal-kawża in eżami. Filwaqt illi l-Qorti ma tistax tistrieħ unikament fuq din ix-xhieda dwar il-verżjoni ta' ħaddieħor, tqis illi għandha tikkonsidra l-valur tagħha bħala indizju ieħor meta tanalizza l-assjem tal-provi.

Illi għalkemm il-Qorti terġa' ttenni li dan kien nuqqas gravi min-naħa tal-prosekuzzjoni li ma aċċertatx li xhieda meqjusa tant *"indispensabbli"* ma titħalliex barra mill-atti proċesswali, il-Qorti tosserva li din ma kienitx l-unika prova mressqa. Kien ikun xort'oħra li kieku dan kien il-każ, kif fil-fatt iddikjarat il-Qorti tal-Appell Kriminali f'deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Tanti:**[86]

> .....irriżulta li l-partikolaritajiet ta' dawn iż-żewġ tfajliet kien ħadhom P.C. 463 u li kien P.C. 463 li kien iċċekkja tali partikolaritajiet ma' l-għassa. Ix-xhud [P.C. 468] ma ċċekkja xejn. Il-fatt li dawn iż-żewġ tfajliet setgħu "ammettew" l-eta' tagħhom quddiem ix-xhud mhijiex prova li fuqha tista' tinsab il-ħtija tal-appellant. Il-prosekuzzjoni setgħet tipproduċi quddiem l-Ewwel Qorti lill-imsemmijin żewġ tfajliet sabiex jixhdu, setgħet ipproduċiet lill-P.C. 463 biex jixhed dwar il-verifiki li għamel u setgħet tipproduċi kopji tal-karti ta' l-identita` ta' dawn it-tfajliet. Minn dan ma għamlet xejn iżda straħet biss fuq ix-xhieda ta' pulizija li dak li kien jaf kien biss dak li rreferielu ħadd iehor.

viii) Dettal sinifikanti u indikattiv, li jorbot ma' dak li xehed l-Ispettur William Scicluna, jinsab fir-rapport ippreżentat minn Dr. Martin Bajada, nominat mill-Maġistrat Inkwirenti bħala espert tekniku sabiex jagħmel estrazzjoni tal-kontenut ta' żewġ telefons ċellulari maqbuda mingħand Di Bartolo u ieħor mingħand il-ko-imputat Vella. Fix-xhieda tiegħu *viva voce* quddiem din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, l-Ispettur Scicluna spjega:[87]

> *....dakinhar stess filghaxija tad-19 t'Awwissu kont irċevejt telefonata mingħand persuna li xtaq jibqa anonimu li kien hemm ċertu persuna minn Hal Qormi maghrufa bhala l-'Gobon' bl-isem ta' Christopher Azzopardi li kien propju baghat lil Piero di Bartolo kif ukoll lil Trafford Vella, kien miftehmin biex jiġbru dawn is-sigaretti eventwalment......mill-investigazzjoni tal-pulizija irriżulta illi kienet saret telefonata abbord, ċioe`, il-persuna li dwarha l-pulizija kienet irċeviet informazzjoni kunfidenzjali, ċioe Christopher Azzopardi kienu saru xi investigazzjonijiet fil-*

[86] Per Onor Imħallef David Scicluna, App.Krim.Nru 195/2005, deċiża fit-13 ta' Frar,2006
[87] Fol.30-32

*preliminari fil-konfront tiegħu....fejn propju filghodu Piero di Bartolo kien ghamel kuntatt permezz tat-telephone ma' dan Christopher.......*

Mir-rapport tal-espert tekniku irriżulta illi fost il-lista ta' kuntatti telefoniċi estratti mil-*mobiles* ta' Di Bartolo, kien hemm numru abbinat ma' l-isem ta' '*Kris Sicaret*'[88] jew '*Kris Sigaret*'.[89] Il-Qorti fliet bir-reqqa l-kontenut ta' dan ir-rapport tal-espert u kkonfermat illi l-aħħar kuntatt li sar bejn in-numru ta' Di Bartolo u dak ta' 'Kris Sigaret' kien proprju fit-18 ta' Awwissu, 2015 fis-14:07:55, jiġifieri l-ġurnata ta' qabel l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, sewwasew sigħat qabel. Kien hemm xi telefonati oħra ftit jiem qabel, fid-9 u fl-10 ta' Awwissu.[90] Il-Qorti kkonfermat li ntbagħat messaġġ min-numru ta' Di Bartolo lil '*Kris Sigaret*' fid-9 ta' Awwissu, 2015 fis-18:01:49 u dak il-messaġġ kien jaqra '*Cempulli.*' [91] Dak il-messaġġ intbagħat sitta u tletin (36) sekonda wara telefonata min-numru ta' Di Bartolo lin-numru ta' '*Kris*' li damet biss żewġ sekondi.

Din id-data telefonika estratta mill-espert tindika illi kien hemm **komunikazzjoni bejn l-imputat Di Bartolo u dan l-istess '*Kris*', fil-ġranet u saħansitra ftit sigħat, qabel l-episodju mertu ta' dawn il-proċeduri**. Għalkemm il-prosekuzzjoni ma qalitx jekk dan '*Kris Sigaret*' kienx l-istess persuna li semma l-ispettur William Scicluna bħala Christopher Azzopardi, il-fatt li kuntatt b'dawn il-konnotati kkomunika ma' Di Bartolo sigħat qabel ma' l-imputat instab fil-pussess ta' sigaretti suspettati tal-kuntrabandu, huwa indikattiv. Meta kien qed jixhed *viva voce* quddiem il-Qorti kif preseduta, l-istess imputat kien mistoqsi jekk dakinhar tal-inċident kienx irċieva xi telefonata partikolari.

> **Ix-xhud:** *Iva, jiena kont inċempel lil sħabi biex naraw qabdux xi ħaġa jew hekk, jiena dejjem kont inċempillhom.*
> **Il-Qorti:** *Biex tara?*
> **Ix-xhud:** *Biex nara jekk qabdux xi ħut, kif inhu l-baħar u hekk.*
> **Difiża:** *Sajjieda oħra jiġifieri dawn.*
> **Ix-xhud:** *Iva, dejjem kont inċempillhom jien, u jċempluli huma jiġifieri, anke dakinhar.*
> **Difiża:** *U min kienu dawn it-tnejn li kellimt dakinhar. Tiftakar?*
> **Ix-xhud:** *Kien hemm wieħed Ġanni, l-ieħor Jean, kien hemm xi ħadd ieħor ukoll. X'jismu l-ieħor? Wieħed miż-Żejtun dan. Bertu. Imma Bertu naħseb ċempilli hu dakinhar.*[92]

---

[88] Fol.192
[89] Fol.260 u fol.266 numri 63 u 64
[90] Fol.275 numri 343-344 u fol.276 numri 378 u 380
[91] Fol.291 numru 175
[92] Fol.375

L-istess imputat ma kienx mistoqsi dwar telefonati li għamel jew irċieva fil-ġurnata ta' qabel l-inċident. Mill-atti proċesswali ma jirriżultax jekk il-pulizija għamlitx xi investigazzjonijiet u verifiki ulterjuri sabiex tiddetermina jekk il-komunikazzjoni telefonika li għamlu l-imputati fl-istess jum u fis-sigħat qabel l-episodju *de quo* kienitx relatata mal-inċident mertu tal-każ, ħlief għal dak li xehed l-ispettur William Scicluna meta qal li l-investigaturi kienu kkonfermaw li *"propju filgħodu Piero Di Bartolo kien ghamel kuntatt permezz tat-telephone ma dan Christopher..."* u li din tirriżulta mill-*call records* in atti.[93] Mir-rapport tal-espert jirriżulta illi dakinhar tad-19 ta' Awwissu,2015, fis-sigħat bikrin tal-jum kien hemm sensiela ta' telefonati bejn in-numru ta' Di Bartolo u numri issejvjati taħt l-ismijiet ta' *'Gianni LAvoro,' 'Amico Desiro', 'Tal Adit'* u numru ieħor li kien bla isem.[94] Kien hemm imbagħad komunikazzjoni aktar minn darba ma' *'Kris Sigaret'* fit-18 ta' Awwissu.

Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali l-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar ċerti nuqqasijiet min-naħa tal-prosekuzzjoni li, mhux biss ma aċċertatx li l-provi kollha li kellha tressaq kienu fil-fatt in atti, iżda mhux dejjem wasslet il-prova materjali għall-konklużjoni loġika tagħha. Hekk, f'dan is-sens, ma ddikjaratx jekk dak li rreferiet għalih bħala Christopher Azzopardi, li allegatament għamel kuntatt ma' Di Bartolo u li kien jaħdem fuq il-vapur, kienx wieħed minn dawk il-persuni indikati fir-rapport tal-espert tekniku. Lanqas ma kkonfermat jekk l-istess individwu kienx dak li Di Bartolo kien jirreferi għalih bħala *'Kris Sigaret'* fil-lista tal-kuntatti telefoniċi tiegħu u li, iswed fuq l-abjad, jidher li ikkomunika mal-imputat ġurnata qabel l-akkadut. Il-prosekutur ewlieni li kien qiegħed imexxi oriġinarjament, xehed illi kienu *"saru xi investigazzjonijiet fil-preliminar fil-konfront tiegħu"* b'referenza għal Christopher Azzopardi, fejn ikkonfermaw illi kien sar kuntatt bejn in-numru ċellulari tiegħu u dak tal-imputat Di Bartolo.[95] Iżda l-istess prosekuzzjoni ma rabtitx b'mod konkret dawn ir-riżultanzi mal-evidenza esperta in atti, b'tali mod li tkompli ssaħħaħ il-każ tagħha.

ix) Mill-atti proċesswali jirriżulta illi xi wħud mill-kaxxi infetħu mill-membri tal-armata li wettqu l-ispezzjoni abbord id-dgħajsa li fuqha kien hemm l-imputati. Kien ikkonfermat illi l-kontenut tal-kaxxi kien jikkonsisti f'sigaretti u kien jidher illi d-dazju dovut fuqhom ma kienx imħallas. L-imputati nfushom ikkonfermaw illi l-kaxxi kienu mimlijin bis-sigaretti,

---

[93] Fol.32
[94] Fol.265-266
[95] Fol.32

> għalkemm Vella qal li sar jaf x'kien il-kontenut tal-kaxxi wara li kienu skortati mis-suldati tal-Forzi Armati lura lejn id-*Deep Water Quay* u mhux meta kienu għadhom fuq il-baħar.

Ikkunsidrat ukoll,

<u>**Kunsiderazzjonijiet Legali**</u>

Meta tiġi biex tiddeċiedi jekk il-prosekuzzjoni ippruvatx il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju raġonevoli, il-Qorti trid tanalizza l-provi fl-assjem tagħhom, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, dik diretta kif ukoll dik indiretta jew ċirkostanzjali. Fil-każ in eżami, il-Qorti kif preseduta semgħet liż-żewġ imputati jixhdu *viva voce* u setgħet tgħarbel u tiżen it-tweġibiet tagħhom kif ukoll l-imġieba tagħhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Rigward ix-xhieda ta' ko-imputat, huwa prinċipju fundamentali tal-proċedura kriminali illi dak li jgħid jew jixhed akkużat jgħodd biss fil-konfront tiegħu nnifsu. Kif iddikjarat il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila u Mario Rodenas:**[96]

> Huwa prinċipju ieħor, ipprattikat fil-Qrati Maltin, li dak li jgħid ko-akkużat ma jistax la jibbenefika u lanqas jippreġudika ko-akkużat ieħor.

F'dawn il-proċeduri l-prosekuzzjoni ressqet bħala xhieda tliet membri tal-Forzi Armati li kienu involuti fl-interċettazzjoni tad-dgħajsa *CHRISTIAN II* u, sussegwentement, fl-operazzjoni ta' tfittix abbord l-istess bastiment fejn sabu lill-imputati u t-42 kaxxa ta' sigaretti, mertu tal-imputazzjonijiet attribwiti lilhom. Dawn it-testimonjanzi huma importanti mhux biss għaliex jipprovdu stampa ta' dak li kien hemm abbord *a tempo vergine,* iżda wkoll għaliex **jitfgħu dawl fuq il-veraċita`** ***o meno*** **tal-verżjoni tal-imputati**.

<u>Dak li xehdu dawn l-uffiċjali tal-armata dwar dak li kkonstataw personalment f'dawk il-mumenti bikrin meta telgħu abbord il-bastiment, jgħin mhux ftit lill-Qorti biex tiddetermina l-element ta' xjenza da parti tal-imputati, li hu fattur kruċjali jekk il-każ tal-prosekuzzjoni għandu jirnexxi</u>. Fil-fatt, il-linja difensjonali taż-żewġ imputati kienet ibbażata primarjament fuq dan l-element jew aħjar, in-nuqqas tiegħu. L-imputati sostnew illi huma kienu ħarġu jistadu għal-lampuki u kien biss b'kumbinazzjoni li ltaqgħu ma' dawk il-kaxxi jiggalleġġaw fl-ilma. Huma qalu li ġabruhom mingħajr ma kienu jafu x'fihom.

[96] Per Onor. Imħallef Victor Caruana Colombo, deċiża fis-7 ta' April,1992.

L-imputat Vella saħansitra baqa' jinsisti illi hu kien mingħalih li dawk kienu *"ċimi maqtugħin"* u kompla jispjega illi *"ġejt infurmat li huma kannizzata tal-lampuki maqtugħin....u jiena għalija dawka kannizzati tal-lampuki."*[97] L-istess ko-imputat sostna illi fi żmien l-inċident in kwistjoni, l-esperjenza tiegħu f'dak il-qasam ta' xogħol fuq il-baħar kienet *"zero."*[98] Għaldaqstant, jekk il-kaptan qallu li dawk kienu kannizzati maqtugħin, għalih hekk kienu. L-abbli difensuri tal-imputati argumentaw illi għalkemm dawn kienu nstabu fil-pussess ta' sigaretti suspettati li d-dazju fuqhom ma kienx imħallas, u għalhekk jidher li kien jissussisti l-element materjali tar-reat, il-*mens rea* jiġifieri l-element formali, kien nieqes.

Fuq dan ir-rekwiżit ta' xjenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Callus** iddikjarat:[99]

> **Issa filwaqt li hu minnu li biex jirrizultaw l-ewwel zewg imputazzjonijiet mhux biss irid jigi pruvat il-pussess materjali tal-oggett mhux zdazjat, imma jrid ikun hemm ukoll il-provi tax-xjenza li dak l-oggett ma kienx thallas id-dazju jew it-taxxa tas-sisa fuqu. Però dan l-element tax-xjenza, anke jekk jigi michud mill-persuna suspettata, jista' jiġi pruvat minn provi indizjarji li jkunu jindikaw li tali xjenza kien hemm jew suppost li kien hemm.**

L-istess Qorti tal-Appell Kriminali trattat *funditus* din il-materja ta' *mens rea* fl-isfond ta' reati taħt Kap.37 tal-Liġijiet ta' Malta, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Ciappara**[100] fejn ġie osservat illi:

> Fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs Carmel sive Charles Azzopardi"** [22.9.1993], fejn id-difiza ssollevat in-nuqqas ta' xjenza u ta' *mens rea* tal-imputat fil-partecipazzjoni tiegħu fir-reat lilu addebitat gie ritenut illi:-
>
> *"Jigi osservat immedjatament rigward dan il-punt li huwa strettament ta' natura legali, illi f'kazijiet precedenti fejn l-istess punt inqala' u gie deciz, il-pozizzjoni illi hadet din il-Qorti kienet fis-sens li dak illi gie deciz mill-Imhallef Harding, President ta' din il-Qorti fl-24 ta' Novembru, 1945 in re.* **Il-Pulizija vs Anthony Preca",** *fejn, ghall-fini tal-ispostament tal-oneru tal-prova minn fuq il-Prosekuzzjoni ghall-fuq l-imputat, kienet saret distinzjoni importanti bejn il-kaz fejn l-imputat ikun l-importatur u l-kaz l-iehor fejn l-imputat ma jkunx il-komplici tiegħu imma jkun assista fl-iskarikar tal-merkanzija. F'dik is-sentenza li giet imbaghad sussegwentement segwita b'diversi sentenzi ohra fosthom dik in re.* **"Il-Pulizija kontra Joseph Farrugia"** *deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Jannar, 1991, kien gie deciz illi ghalkemm huwa veru li skomd il-ligi f'akkuza ta' pussess ta' oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju, il-prova li d-dazju kien thallas ghandha ssir mill-imputat, cio` nonostante fil-materja ghandha ssir distinzjoni bejn il-kaz fejn l-imputat huwa l-importatur ta' dak l-oggett jew il-komplici tiegħu jew l-esekutur immedjat tal-att ta' kuntrabandu u l-kaz li l-imputat ikun haddiehor. F'dan l-ahhar kaz jinhtieg ghall-kontravvenzjoni r-rekwizit tax-xjenxa, igifieri li l-*

[97] Fol.385
[98] Fol.393
[99] Per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono, App. Krim. Nru. 92/2005, deċiża fit-13 ta' Lulju,2005.
[100] Per Onor. Imħallef Joseph Galea Debono, deċiża fl-24 ta' Settembru, 2009.

*imputat kien jaf jew messu ragjonevolment ikun jaf li d-dazju dwar dak l-oggett ma jkunx gie imhallas.”*

U

*“….ghaldaqstant meta c-cirkostanzi juru li l-imputat kellu ragjonevolment jahseb li d-dazju fuq oggetti minnu possedut ma kienx thallas, kellu r-rekwizit ta’ dik ix-xjenza u allura huwa hati tal-kontravvenzjoni lilu addebitata. Diversament huwa ezenti minn kull htija min ma kienx jaf u ma setax ragjonevolment ikun jaf li d-dazju ma kienx thallas jew min kien mic-cirkostanzi gustifikat jahseb li d-dazju thallas…..Wiehed pero` jrid joqghod attent f’sitwazzjoni simili billi ma jispostax l-ordni tal-logika ta’ kif ghandhom isiru l-affarijiet u ma jinqabadx f’nasba ta’ spostament ta’ ragonament pseudologiku…..Skond din il-Qorti l-ordni li ghandu jigi segwit huwa illi ghandu jigi stabilit l-ewwel u qabel kollox, x’tip ta’ attivita` kienet qed issir mill-appellant. Ghal dan il-fini, din il-Qorti jidhrilha li originarjament il-prova inizjali illi l-imputat kien jew l-importatur tal-oggetti, jew il-komplici…jew almenu kellu element ta’ konoxxenza ta’ dak li kien qieghed isir, tinkombi fuq il-prosekuzzjoni, imbaghad una volta stabilit dan, cioe` li jew kien l-importatur jew kien il-komplici jew li kien fi kwalunkwe kaz jaf x’inhu jigri, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat fit-termini tal-ligi. Pero` inizjalment kif inghad, il-prova trid ssir mill-Prosekuzzjoni.”*

Illi dan l-insenjament u din id-distinzjoni gew segwiti minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza **“Il-Pulizija vs Francis Xavier sive Franco Borg”** [23.9.1994] fil-kaz ta’ pussess ta’ oggett li dwaru ma jkunx thallas id-dazju bi ksur tal-paragrafi (g) u (h) tal-Artikolu 62.
Dejjem dwar dan l-element tax-xjenza, din il-Qorti esprimiet ruha hekk fl-Appell Kriminali: **“Il-Pulizija vs Louis Frendo”** [12.3.1999]: -

“…..*dan ir-rekwizit ifisser li meta wiehed jikkonsidra c-cirkostanzi kollha relattivi u partikolari ghall-kaz, dawn l-istess cirkostanzi ghandhom ikunu bizzejjed fihom infushom biex juru li f’dak il-kaz, il-possessur tal-oggetti in kwistjoni kien jaf, jew messu ragonevolment ikun jaf minn dawk ic-cirkostanzi, li d-dazju/levy fuq dawk l-oggetti ma kienx imhallas. Din it-tifsira ta’ dan ir-rekwizit tax-xjenza fl-imsemmija artikoli tal-Kap.37.”*

u meta dawn ic-cirkostanzi juru bic-car li l-appellant kien jaf li id-dazju/levy ma kienx thallas:-

“…..hawn jiskatta in operazzjoni l-Artikolu 77 tal-Kap.37 li jitfa’ l-oneru fuq l-appellant biex jipprova li d-dazju/levy fuq dawk l-oggetti kien thallas. Fil-kaz odjern u f’kazijiet simili, kull ma trid taghmel il-prosekuzzjoni hu li tipprova (a) dawk l-oggetti dahlu Malta, (b) li “prima facie” jidher li id-dazju/levy fuqhom ma kienx thallas, u (c) li dawk l-oggetti kienu fil-pussess u kontroll shih tal-appellant.”

## *<u>L-ewwel u t-tieni imputazzjoni</u>*

L-imputat Di Bartolo qal illi dakinhar tal-akkadut kien miftiehem ma’ Vella biex joħorġu jistadu u għalhekk telqu minn Birżebbuġa biex ifittxu l-kannizzati tal-lampuki. Kif ħarġu ‘l barra raw *“koċċ dgħajjes iduru.”*[101] Kien hemm xi sitt dgħajjes żgħar u għalhekk, ħaseb li kien hemm xi kannizzata:

[101] Fol.369

*Kif wasalna fuq il-post aħna sibna li kienet tiġbor il-kaxxi. Kienu qed jigbru xi kaxxi.*[102]

Kompla jispjega illi dawk il-kaxxi kienu "*kollha marbutin*" u kienu qegħdin ġol-baħar. Id-dgħajjes l-oħra kienu iżgħar mid-dgħajsa tiegħu u għalhekk għabbew biss kaxxa jew tnejn jew tlieta u daħlu 'l gewwa:

*..jien għamilt bħalhom, ġbarthom, tfajthom ġo dghajsa u mort 'il gewwa….kemm morna ħriġna u dħalna.*[103]

Imbagħad, huma u deħlin 'l ġewwa avviċina d-dgħajsa tagħhom "*dinghy*" tal-armata li ttrakka magħhom u l-uffiċjali talbuhom il-*logbook* tad-dgħajsa. Di Bartolo kompla jispjega illi peress li kellu jwarrab il-kaxxi biex ikun jista' jġib dak id-dokument, hu qal lis-suldati li kellu xi kaxxi li kien għabba mill-baħar:

*Qalli, "X'kaxxi huma?!" "Dawk il-kaxxi li qed taraw hemmhekk sibthom fuq il-baħar." Imbagħad ġie wieħed minnhom, qalli, "Ġib waħda." Ġab u fetaħha hu biex…qalli, "Dawn taf li sigaretti?!" Ma kontx naf. Fil-fatt kienu magħluqin eh. Ma ftaħthomx jiena.*[104]

L-imputat **Trafford Vella** xehed illi dakinhar tal-każ, ħareġ jistad għal-lampuki ma' Di Bartolo. Spjega li dak iż-żmien ma kellu l-ebda esperjenza fuq il-baħar u kien qed imur mal-ko-imputat proprju biex jakkwista l-esperjenza. Qal illi ma kienx jitħallas u qatt ma kienu ftehmu dwar paga. Kien ħareġ ma' Di Bartolo xi darbtejn jew tlieta u kull darba, il-kaptan kien javżah minn ġurnata qabel. Dakinhar, kienu ftehmu li joħorġu għall-ħabta tal-erbgħa u nofs ta' filgħodu. Hekk kif kienu ħerġin bil-mod, tefgħu rixa biex "*forsi jmiss xi ħaġa.*" Imbagħad, madwar tliet jew erba' mili 'l barra, lemħu xi oġġetti fil-baħar u l-kaptan qallu li dawk kienu ċimi jew kannizzati tal-lampuki maqtugħin. Ix-xhud kompla jispjega illi peress illi dak iż-żmien ma kellu esperjenza ta' "*xejn, xejn, xejn*" fuq il-baħar, ħaseb li kienu kannizzati u beda jgħin biex jgħabbuhom fuq id-dgħajsa. Wara ftit minuti waslu tal-Forzi Armati li saqsewhom jekk kellhomx armi abbord u nfurmawhom li kienu se jagħmlu *inspection* fuq id-dgħajsa. L-uffiċjali bdew jiċċekkjaw iċ-ċertifikati tad-dgħajsa u mbagħad bdew jispezzjonaw abbord. Ix-xhud qal illi dak il-ħin hu kien fuq il-poppa. Mistoqsi minn wieħed mis-suldati jekk kienx jaf x'inhuma dawk il-kaxxi, il-ko-imputat qal li kien wieġeb:

*"M'ghandix idea li naf li huma kannizzati, ġejt infurmat li huma kannizzati tal-lampuki maqtugħin.*[105]

---

[102] Ibid
[103] Fol.371-372
[104] Fol.372-373
[105] Fol.387

Sussegwentement, kienet waslet "*il-lanċa l-kbira*" biex teskortahom lejn id-*Deep Water Quay* fejn mal-wasla fuq il-moll, l-imputat Vella qal li kien infurmat li dawk il-kaxxi kienu "*tabakk.*"[106]

Il-Qorti, wara li għarblet dawn it-testimonjanzi tal-imputati fl-isfond tal-verżjonijiet ta' xhieda oħra, partikolarment tal-membri tal-armata involuti fl-operazzjoni, tosserva ċerti inkonsistenzi u dikjarazzjonijiet inverosimili li joħolqu dubju serju dwar jekk ix-xhieda tal-ko-imputati kellhiex mis-sewwa. Il-Qorti għalhekk sejra telenka s-segwenti osservazzjonijiet:

- L-imputat Di Bartolo insista illi l-kaxxi kollha kienu nġabru mill-baħar. Fix-xhieda tiegħu sostna illi l-kaxxi kienu "*Minn fuq hemmhekk, minn fuq il-baħar, kienu kollha marbutin....kienu marbutin bil-ħabel wara xulxin....mgħottija bil-borża sewda...kienu marbutin ħamsa ħamsa.*"[107] Is-suldati li telgħu abbord il-bastiment ta' Di Bartolo kmieni filgħodu, għall-ħabta tat-tmienja neqsin kwart, spjegaw illi kienu sabu numru ta' kaxxi fuq il-gverta u oħrajn fuq ġewwa. Iżda fattur importanti huwa dan: filwaqt illi dawk fuq barra kienu niedja jew imxarrbin, il-kaxxi fuq ġewwa kienu xotti. ***Staff Sergeant*** **David Delia** spjega:

> *Tlajna abbord u immedjatament fuq il-gverta sibna tlieta u għoxrin kaxxa miksijin bil-boroż tal-garbage u li kienu imxarrbin u bħal speċi għednielhom dawn minn fejn sibtuhom? Qalulna li dawn l-iskop oriġinali tagħhom kien għas-sajd għall-lampuki u sabu dawn il-kaxxi mitluqin fil-baħar u sintendi ġabruhom. Mill-ewwel irriżulta li huma sigaretti li ma kellhomx dazju mħallas, biss però mbagħad komplejna s-search tal-lanċa tas-sajd u ġewwa sibna dsatax-il kaxxa oħra li dawn kienu xotti, iġifieri dawn fil-verita, l-kaxxi mhux kollha kienu nġabru mill-baħar, kien hemm minnhom xotti.* **[sottolinjar tal-Qorti]**[108]

Ix-xhud kompla jispjega illi dawk il-kaxxi li kellhom il-boroż ta' barra, jiġifieri ir-*wrapping,* imxarrab kienu xotti fuq ġewwa. Xhud ieħor, **Master Edward Santillo,** li tela' fuq il-lanċa tal-imputati wara li skortawha lejn il-port, spjega illi:

> *…ersaqna lejn il-lanċa u mal-ewwel daqqa t'għajn rajna ħafna kaxxi mgħottijin bl-iswed. Tip ta' garbage bag bit-tape.*[109]

***Gunner*** **Jean Carl Felice** xehed illi:

> *…. kif dħalna fl-ewwel living compartment sibna 23 kaxxa, kienu miksijin bil-garbage bags. Komplejna nfittxu u f'kompartament ieħor sibna 19-il kaxxa oħra. Biex*

[106] Fol.388
[107] Fol.370
[108] Fol.110-111
[109] Fol.116

*nikkonfermaw ftaħna xi kaxxi u ndunajna li kienu kaxxi tas-sigaretti….. kienu stat li huma miksijin sewwa, kienu puliti iġifieri…kien hemm minnhom li kienu qegħdin fuq il-kompartament ta' barra kienu naqa nidjin u ta' ġewwa kienu nixfin….kellhom qtar tal-ilma iġifieri ma' kullimkien mhux just patch waħda….fuq il-garbage bag.*[110] **[sottolinjar tal-Qorti]**

In vista ta' din ix-xhieda konsistenti, il-Qorti tqis illi **d-dikjarazzjoni tal-imputati li l-kaxxi ġabruhom mill-baħar, m'għandhiex mis-sewwa**. Li kieku l-kaxxi kollha nġabru mill-ilma fejn, allegatament, kienu sabuhom jiggalleġġaw, kienu jkunu kollha niedjin jew imxarrbin, aktar u aktar meta l-imputati stess kkonfermaw illi meta kienu interċettati mill-membri tal-armata, ma kinux ilhom li ġabru dawk il-kaxxi!! Fil-fatt, Di Bartolo stqarr illi malli għabbew il-kaxxi, telqu 'l ġewwa u ma komplewx is-sajda. L-imputat qal: "*kemm morna, ħriġna u dħalna.*"[111]

**Dan ifisser illi kieku verament il-ġrajja seħħet kif irrakkontawha l-imputati, il-kaxxi kollha kellhom ikunu fi stat imxarrab u mhux biss dawk li nstabu fuq barra tal-lanċa.** Dan l-istat ta' fatt, li l-ebda wieħed mill-imputati ma ttenta jispjega, aktar isaħħaħ il-verżjoni tal-prosekuzzjoni, ċioe` illi l-kaxxi kienu intefgħu minn fuq vapur kbir għal fuq il-lanċa fejn l-imputati kienu lesti jistennew biex jilqgħuhom. Jidher illi **numru minnhom spiċċaw direttament fuq il-lanċa u qatt ma missew ma' l-ilma**. L-oħrajn, forsi bl-għaġġla biex l-operazzjoni ta' trasbord titlesta malajr, intefgħu għal ġo l-baħar u nġabru mill-imputati għal ġo d-dgħajsa. Il-fatt li kienu mxarrbin, bil-"*qtar tal-ilma iġifieri ma' kullimkien*" ikompli jsaħħaħ din it-teżi. Li kieku kienu ilhom fl-ilma, x'aktarx illi ma kinux ikunu fi stat 'pulit', kif iddeskrivihom wieħed mis-suldati, bil-kontenut tagħhom xott.

- L-imputat Di Bartolo qal illi l-kaxxi kienu ssiġillati u għalhekk sar jaf x'kien fihom meta l-membri tal-armata fetħu wħud minnhom waqt l-ispezzjoni tad-dgħajsa li saret fuq il-baħar. Iżda wieħed mill-uffiċjali involuti f'dik l-operazzjoni xehed:

  > *Kif tlajna l-iskipper qalilna li kien qed jistad ghall-lampuki u waqt li kien qed jistad **iltaqa' ma' xi kaxxi tas-sigaretti** u qalilna li għabbihom.*[112]

  Din ix-xhieda tgiddeb il-verżjoni tal-imputati meta qalu li ma kinux jafu x'kien fihom dawk il-kaxxi qabel ma nfetħu mill-membri tal-armata. L-imputat Vella saħansitra qal illi sar jaf li l-kaxxi kien fihom "*tabakk*" meta l-lanċa kienet skortata 'l ġewwa lejn id-*Deep Water Quay* u mhux waqt l-

[110] Fol.128-130
[111] Fol.372
[112] Fol.128

operazzjoni fuq il-baħar. Il-Qorti tqis din id-dikjarazzjoni bħala mhux attendibbli stante illi Vella stqarr illi meta telgħu s-suldati abbord, hu kien qiegħed fuq il-poppa. Diffiċli temmen illi anke jekk baqa' f'dik il-pożizzjoni ma kienx qiegħed josserva u jisma' dak kollu li kien qiegħed isehh abbord. Fil-fatt, malli bdiet l-operazzjoni tal-armata, Vella bagħat messaġġ, x'aktarx lit-tfajla tiegħu, fejn qalilha:

> *Aw qalbi ha nitfi harira l mob qx rikbu suldati mana kif hrigna nistadu.*[113]

Dak il-messaġġ intbagħat fi 07:47:03 u jikkorrobora il-verżjoni ta' Staff Sergeant David Delia li ta l-ħin eżatt tal-operazzjoni bħala t-"*tmienja nieqes kwart ta' filgħodu.*"[114] Il-Qorti temmen li l-fatt li Vella ħass il-ħtieġa li jitfi l-*mobile* jindika li ried joqgħod attent għal dak li kien qed iseħħ madwaru u ma riedx li jkun distratt b'xi telefonata jew messaġġ. Dan ikompli jdgħajjef il-verżjoni tiegħu illi sar jaf x'kien il-kontenut tal-kaxxi biss meta tniżżlu fuq il-moll:

> *Min infurmani m'inhiex ha nikkonferma eżatti però niftakar li kien x'Ufficjal tad-Dwana zgur bejn Ufficjal tad-Dwana u bejn Ufficjal tal-Forzi Armati.*[115]

- L-imputat Di Bartolo spjega illi meta sabu l-kaxxi jiggalleġġaw fil-baħar, kien hemm xi sitt dgħajjes oħra, iżgħar minn tiegħu. Hu sostna li rahom jgħabbu l-kaxxi wkoll, iżda dawk it-terzi-li minnhom għaraf biss wieħed minn Marsaxlokk, ġabru biss kaxxa jew tnejn jew tlieta.

  Il-Qorti tqis illi huwa **kontra kull loġika** l-fatt li l-imputati ġabru 42 kaxxa mingħajr ma kienu jafu xejn dwar il-kontenut tagħhom! Dan aktar u aktar meta Di Bartolo ammetta illi qatt ma kien iltaqa' ma' xi ħaġa bħal din fl-esperjenza tiegħu fuq il-baħar. Huwa **kontra kull buon sens li bniedem bi snin twal ta' esperjenza bħal dik, jaqbad u jgħabbi 42 kaxxa mdaqqsa, kull waħda madwar żewġ piedi fid-daqs, mingħajr ma biss jgħaddilu minn moħħu l-periklu li seta' joħloq għalih innifsu, għall-ekwipaġġ tiegħu kif ukoll għall-istess bastiment li kien fuqu:**

> *Ilni nistad, ilni kont immure fuq il-baħar….Qabel xogħli kien fuq il-baħar.*[116]

Din id-dikjarazzjoni ta' Di Bartolo waqt li kien qed jixhed quddiem din il-Qorti, tkompli toħloq dubji dwar il-veraċita` tal-verżjoni tiegħu li kienu

---

113 Fol.252
114 Fol.114
115 Fol.388
116 Fol.371

ltaqgħu ma' dawk il-kaxxi kumbinazzjoni. Id-dubju jkompli jikber fid-dawl ta' tweġiba li ta l-istess imputat in kontro-eżami:

**Pros:** *U ma ġietkomx kurżita`tgħabbu erbgħin kaxxa ġod-dgħajsa tagħkom u ma tafux x'intom tgħabbu?*
**Ix-xhud:** *Jiena biex ngħidlek il-verità bżajt. Issa għidtlu, nidħlu 'l ġewwa u niftħuh hemm ġew.*
**Pros:** *Imma għaliex bżajt?*
**Ix-xhud:** *Ma nafx, ma nafx x'kien. Jien infatti għabbejt kif għamlu l-oħrajn, imma ma nafx x'fihom.*
**Pros:** *Għax jekk xi ħaġa tibża' minnha ma tagħmilhiex.*
**Ix-xhud:** *Iva, imma l-ewwel għabbejt, imbagħad, għidt aħjar nidħol 'il ġewwa u forsi jkun hemm xi ħadd ieħor-*
**Il-Qorti:** *Però ma rajthiex stramba dawn jiggalleġġaw hemm?*
.........
**Ix-xhud:** *Iva, forsi jistgħu jkunu toys, jistgħu jkunu ħafna affarijiet. Ma nafx kif għamlu l-oħrajn....Kif għamlu l-oħrajn għamilna aħna.*[117]

Fil-fehma tal-Qorti, tali raġunament tal-imputat imur kontra kull loġika u jkompli jsaħħaħ il-konvinċiment morali tal-Qorti illi l-imputat ma kienx qed jgħid il-verità. Li ma jgħaddilux minn moħħu li dawk il-kaxxi setgħu jikkontjenu xi materjal perikoluż u li jwaqqa' s-sitwazzjoni kważi għar-redikolu meta jsemmi li "*jistgħu jkunu toys,*" ifisser illi meta ġabar dawk il-kaxxi, kien jaf x'kien fihom. Huwa ferm inverosimili illi Vella, li ma kienitx l-ewwel darba tiegħu fuq il-baħar ma' Di Bartolo, ma kienx kapaċi jiddistingwi kaxxi suspettużi minn kannizzati tal-lampuki. Anke jekk, skond ma insista l-istess imputat, dak iż-żmien ma kellu esperjenza ta' xejn fuq il-baħar, il-fatt li ma kienitx l-ewwel darba għas-sajd bil-lanċa, aktar u aktar meta stqarr li minn dejjem kien dilettant tas-sajd, diffiċli jitwemmen meta qal li għalih dawk kienu kannizzati tal-lampuki maqtugħin, għax hekk qallu l-kaptan!

Il-Qorti hi konvinta li dawn **ir-riżultanzi proċesswali jindikaw illi l-imputati kienu marru hemmhekk proprju bl-intiża li jiġbru dik il-merkanzija**. L-ispjegazzjoni tagħhom wara l-fatt, tkompli ssaħħaħ il-fehma tal-Qorti li l-pussess tagħhom ta' dawk il-kaxxi kien wieħed xjenti.

Affaċċat b'dik is-sitwazzjoni, bħala sajjied jew baħri ta' esperjenza, Di Bartolo kien jallontana ruħu minn xi ħaġa li setgħet kienet ta' periklu għalih u għal dawk li kienu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu. Aktar minn hekk, kellu jinforma lill-awtoritajiet dwar sejba misterjuża ta' din ix-xorta. Min-naħa tiegħu, Vella, għalkemm insista li kellu esperjenza "*zero*" dak iż-żmien, kien xorta waħda mistenni li japplika l-buon sens u jirrealizza li dawk il-kaxxi ma

[117] Fol.376

kinux kannizzati iżda oġġetti suspettużi u potenzjalment perikolużi. Minflok ma avżaw lill-awtoritajiet jew tal-inqas allontanaw ruħhom, l-imputati għabbew 42 kaxxa u telqu 'l ġewwa bihom mingħajr ebda ħsieb li javżaw "*lit-turretta.*"[118]

Skond Di Bartolo, minkejja l-esperjenza twila f'dan il-qasam, ma kienx jaf li meta jinstabu xi oġġetti fuq il-baħar kellhom ikunu avżati tat-turretta qabel ma l-affarijiet jiddaħħlu l-art. Lanqas ma kellha mis-sewwa l-ispjegazzjoni li offra Di Bartolo meta baqa' jinsisti illi sempliċiment "*kif għamlu l-oħrajn għamilna aħna.*"[119]

Din l-ispjegazzjoni ma tagħmilx sens. Apparti l-fatt li r-referenza għal "*l-oħrajn*" kienet vaga, jekk ħaddieħor kien qiegħed jagħmel il-ħażin, l-imputat kellu jagħmel l-istess? Bl-ammissjoni tagħhom stess, l-imputati mhux biss għamlu bħall-oħrajn iżda ħafna aktar għaliex filwaqt illi d-dgħajjes l-oħra allegatament ġabru biss bejn kaxxa u tlieta, huma għabbew 42 kaxxa. Minflok komplew jistadu kif oriġinarjament kienu ppjanaw, telqu 'l ġewwa mill-ewwel biex, skond Di Bartolo, ifittxu jaraw x'kien hemm f'dawk il-kaxxi:

> *Konna sejrin 'il ġewwa biex inneħħu dawk il-kaxxi minn fuq id-dgħajsa, nara x'inhuma, mhux ħa noqgħod fuq il-baħar nistad.*[120]

- Minkejja li l-imputati kienu salpaw kmieni filgħodu għall-ħabta tal-erbgħa u nofs u l-interċettazzjoni mill-Forzi Armati seħħet fit-tmienja neqsin kwart, jidher li kienu għadhom ma qabdux ħut. Wieħed mill-membri tal-armata li tela' abbord id-dgħajsa ta' Di Bartolo, kien mistoqsi direttament mill-Qorti dwar dan:

> **Qorti:** *Fis-search li ghamiltu fejn sibtu sigaretti, sibtu xi haga ohra? Affarijiet ohra?*
>
> **Xhud:** *Le le just kaxxi li mbagħad kienu sigaretti.*
>
> **Qorti:** *Affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mas-sajd sibtu?*
>
> **Xhud:** *Ma niftakarx. Jista jkun li kien hemm xi affarijiet fuq id-deck, fejn kienu l-iskipper u kollega tiegħu. Imma ma niftakarx li kien hemm, jew fejn kien l-affarijiet tas-sajd.*[121]

Il-Qorti tosserva illi għalkemm dan ix-xhud ma setax jikkonferma jekk kienx hemm affarijiet tas-sajd, <u>l-imputati stess fl-ebda ħin ma semmew illi kienu</u>

---

118 Fol.377

119 Fol.376

120 Ibid

121 Fol.133

qabdu l-ħut qabel ma ltaqgħu mal-kaxxi fil-baħar. Meta tellgħuhom abbord, tant ħadu spazju illi meta avviċinawhom il-membri tal-armata u talbuhom il-*logbook* tad-dgħajsa, Di Bartolo spjega illi kellu jneħħi l-kaxxi biex seta' jġib dak id-dokument.[122] Faxxikolu ta' ritratti meħudin *a tempo vergine* minn espert forensiku fl-Inkjesta Maġisterjali meta d-dgħajsa *CHRISTIAN II* iddaħħlet mal-moll, jagħti stampa ċara ta' dak li nstab fuq id-dgħajsa. Il-bastiment, li skond Di Bartolo kien ta' tnejn u għoxrin pied, kien prattikament mimli b'dawk it-42 kaxxa, kull waħda madwar żewġ piedi.[123] Ftit oġġetti li dehru li kienu relatati mas-sajd kienu qegħdin fuq il-gverta.[124]

Il-Qorti fliet ir-ritratti esibiti tad-dgħajsa u dak li kien hemm fuqha. Kwalunkwe tagħmir tas-sajd jidher stivat/ippakkjat f'kaxxi. Lanqas ħuta li hi ħuta ma nstabet abbord, jew xi indikazzjoni oħra li tassew l-imputati ħarġu jistadu!! Wara kollox irid jingħad ukoll li din kienet dgħajsa żgħira ta disa' metri biss, u mhux xi luzzu attrezzat appożitament għas-sajd li forsi jista' anke jibda jiġi emmnut Trafford Vella li akkumpanja lil Di Bartolo biex jieħu esperjenza ta' baħħar. Kienet reġistrata bħala *recreational*.[125]

Fuqha ma kien hemm l-ebda *Communication Equipment* għajr VHF u lanqas *Navigation Equipment*.[126] Ma jidhirx li kien hemm xi ħsieb li jitgħallem *Celestial Navigation*! Lanqas biss ma kellha *fishing lights, nautical charts* jew *chart instructments*.[127] Wisq anqas ma din id-dgħajsa - li l-imputati iridu jikkonvinċu l-Qorti intużat għas-sajd - ma kellha mqar biċċa waħda mill- *"Preservation and Processing Equipment"* li solitament jinstab fuq opra tal-baħar![128]

**B'hekk il-Qorti tistaqsi x'tagħlim kien qed jippretendi li jieħu Vella minn fuq din id-dgħajsa. Tassew verżjoni li hi ludikru w insult għall-intelligenza mhux biss tal-Qorti iżda ta' kull persuna b'farka sens komun.**

Interessanti hu l-fatt li ghalkemm Dr. Martin Bajada jgħid li abbord kien hemm *fish finder/chart plotter* tal-marka Lowrance. Kull min hu midhla tas-sajd jew ta tbahhir anke b'semplici *speedboat* jew RHIB, jaf li dan hu apparat li jiswa medja ta' €500 u jista' jintuża fuq kwalunkwe opra tal-baħar għal skop ta' rikreazzjoni u mhux biex toħroġ ikkwalifikat isservi bħala *Master on Commercial Vessels* kif kien l-għan ta' Vella u kif fil-fatt irnexxielu jilħaq sa mill-2023![129]

[122] Fol.372
[123] Fol.102
[124] Ibid Referenza: FS 151160-15 BSP 104 u 105.
[125] **Dok.GC1** a fol.151
[126] Fol.156
[127] Fol.158
[128] Fol.157
[129] Dok.TV16 a fol.412

Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali, fejn il-Qorti terġa ttenni li l-verżjonijiet tal-imputati m'għandhomx mis-sewwa, il-Qorti tqis illi l-ewwel u t-tieni imputazzjoni ġew soddisfaċentement ippruvati fil-konfront taż-żewġ imputati.

*It-tielet u r-raba' imputazzjoni fil-konfront ta' Piero Di Bartolo waħdu*

Il-prosekuzzjoni xliet lil Di Bartolo waħdu b'reati taħt l-Att Dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd minħabba li huwa, bħala l-kaptan tal-bastiment MFC 6996 *CHRISTIAN II,* għamel użu mill-imsemmi bastiment b'konnessjoni ma' xi sengħa, negozju jew sejħa mingħajr liċenzja mill-awtoritajiet kompetenti u talli uża l-istess bastiment tas-sajd lokali għal skop sekondarju li mhux sajd, mingħajr ma għamel talba bil-miktub u bil-quddiem lid-Direttur u mingħajr ma kiseb l-approvazzjoni tad-Direttur għall-istess skop.

Il-bastiment kien irreġistrat fl-2014 f'isem Sandra Abdilla, waqt li Di Bartolo kien il-kaptan. Skond il-liċenzja tal-bastiment, flimkien ma' dokumenti uffiċjali oħra ippreżentati in atti, dan il-bastiment kien irreġistrat taħt kategorija 'Ċ' li tkopri bastimenti għall-użu rikreazzjonali.[130] Skond dokument ieħor maħruġ mis-Segretarjat Parlamentari Għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali u ppreżentat in atti, l-istess bastiment kien awtorizzat li jistad bil-konz tal-qiegħ.[131]

Artikolu 3(c) tal-L.S. 425.07 jiddisponi illi:

> **Il-bastimenti tas-sajd ta' kull kategorija jistgħu jintużaw biss għall-finijiet indikati fil-liċenzja:**
>
> **Iżda bastiment tas-sajd jista' jintuża biss temporanjament għal xi skop sekondarju ieħor jekk issir talba bil-miktub u bil-quddiem lid-Direttur u din tiġi milqugħa skont dawk il-kundizzjonijiet li d-Direttur jista' jippreskrivi, b'dana illi xejn minn dan ma jwaqqaf lid-Direttur milli jissospendi, jirrevoka jew ibiddel tali approvazzjoni skont kif jista' jidhirlu xieraq.**

Fid-dawl tar-riżultanzi proċesswali, il-liċenzja li kellu l-bastiment fi żmien ir-reati attribwiti lill-imputat, żgur ma kienitx tkopri l-ġarr ta' sigaretti. Lanqas ma nġabet prova li kienet saret talba bil-miktub u bil-quddiem għal permess temporanju ta' xi użu sekondarju ieħor.

---

130 Fol.150-152
131 Fol.155

Għaldaqstant, il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxielha wkoll tipprova sodisfaċentement it-tielet u r-raba' imputazzjoni.

*Il-ħames imputazzjoni fil-konfront ta' Di Bartolo waħdu*

Il-prosekuzzjoni xliet lil Di Bartolo waħdu talli ikkommetta reat ta' natura volontarja wara kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati fis-7 ta' Frar, 2006 u talli naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet tal-Qorti. Madankollu, m'hemmx l-iċken prova in atti tad-digriet tal-Qorti li impona tali kundizzjonijiet u l-ebda prova oħra sabiex issostni din l-imputazzjoni.

Għaldaqstant, din l-imputazzjoni ma ġietx lanqas remotament ippruvata.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-ammont tas-sigaretti li nstabu fil-pussess tal-imputati, tal-fedina penali aġġornata tagħhom u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż li dan il-proċess jaf il-bidu tiegħu fl-2016 fejn id-difiza kienet ilha mis-7 ta' Marzu, 2022 biex tagħmel il-każ tagħha iżda ma ipproduċiet l-ebda xhud ħlief l-imputati li xehdu f'Ottubru u Novembru 2024!

Ittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li bejn it-tielet u r-raba imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' Pieo Di Bartolo waħdu japplika l-prinċipju tal-konkors formali tal-pieni, bil-piena l-aktar gravi tkun dik kontemplata bl-artikolu 29A(2)(b) tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide**

Għal dawn il-motivi:

A. Fil-konfront ta' **Piero di Bartolo**,

filwaqt illi tillibera lill-imputat **Piero Di Bartolo** mill-imputazzjoni numru ħamsa (5), wara li rat l-artikoli 17 u 31 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 62(a)(f)(g)(h)(i) u l-paragrafu (a) tal-*Proviso* għall-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 16(1)(j)(n) u tat-tielet, tar-raba u tal-ħames paragrafi tal-*Proviso* għall-artikolu 16(1) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 80 tal-Att Dwar it-Taxxa

Fuq il-Valur Miżjud, Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 29A(2)(b) tal-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd, Kapitolu 425 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament 3(ċ) tar-Regolamenti dwar il-Bastimenti tas-Sajd, L.S.425.07, issib lil l-imputat **Piero Di Bartolo** ħati tal-kumplament u tikkundannah **sentejn (2) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal erba' (4) snin millum u multa ta' mitejn wieħed u għoxrin elf, tnejn u sebgħin Ewro, u erba' ċenteżmi (€221,072.04), b'terz tal-ammont dovut u ċioè tlieta w sebgħin elf, sitt mija w disgħin Ewro u tmienja w sittin ċenteżmu (**(€73,690.68**) għandu jitqies bħala dejn ċivili u jithallas lil Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana.[132]

B. Fil-konfront ta' **Trafford Vella**,

Wara li rat l-artikoli 17 u 31 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 62(a)(f)(g)(h)(i) u l-paragrafu (a) tal-*Proviso* għall-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 16(1)(j)(n) u tat-tielet, tar-raba u tal-ħames paragrafi tal-*Proviso* għall-artikolu 16(1) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta w l-artikolu 80 tal-Att Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud, Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lil l-imputat **Trafford Vella** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu w tikkundannah **sentejn (2) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal erba' (4) snin millum u multa ta' mitejn wieħed u għoxrin elf, tnejn u sebgħin Ewro, u erba' ċenteżmi (€221,072.04), b'terz tal-ammont dovut u ċioè **tlieta w sebgħin elf, sitt mija w disgħin Ewro u tmienja w sittin ċenteżmu (€73,690.68ċ)** għandu jitqies bħala dejn ċivili u jithallas lil Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana.[133]

Inoltre ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-imputati jħallsu bejniethom l-ammont ta' elf, ħames mija w sbatax il-Ewro u tlieta w sittin ċenteżmu (€1,517.63ċ) rappreżentanti spejjeż peritali w ċioe is-somma ta' seba' mija tmienja w ħamsin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu **(€758.81ċ) kull wieħed**.

[132] Dazju ta importazzjoni €73,690.68 X3 = €221,072.04
[133] Dazju ta importazzjoni €73,690.68 X3 = €221,072.04

*Il-konfiska*

I. Il-Bastiment

Illi d-dgħajsa *CHRISTIAN II* kienet ġiet rilaxxata fuq ordni ta' din il-Qorti, kif preċedentement preseduta, fl-14 ta' Ġunju, 2021 wara talba tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana skond il-liġi. Permezz ta' dik it-talba id-Direttur spjega illi l-bastiment kien soġġett għal **Nota ta' Qbid Numru 185/2015,** liema Nota kienet ikkontestata mis-sid oriġinali Sandra Abdilla fil-Qrati Ċivili. Madankollu, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, permezz ta' sentenza datata 15 ta' Mejju, 2017, ikkonfermat il-qbid u għalhekk il-bastiment sar proprjetà tal-Gvern ta' Malta. Peress illi l-bastiment kien jeħtieġ ħafna spazju biex jinżamm, kif ukoll għaliex bit-trapass taż-żmien kienet qed issirlu ħsara irreparabbli u l-valur tiegħu kien qed jintilef, id-Direttur kien qed ikollu jagħmel tajjeb għal spejjeż ulterjuri relatati maż-żamma u preservazzjoni tal-istess bastiment. Għaldaqstant, intalab ir-rilaxx tal-bastiment sabiex id-Direttur seta' jiddisponi minnu skont il-Liġi, liema talba ġiet sussegwentement milqugħa.

II. Is-Sigaretti

Is-sigaretti huma soġġetti għan-Nota ta' Qbid Nru.184/2015.[134] Dawn ġew esibiti in atti.[135] Għalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 60(1)(b)(h)(k) tal-Ordinanza Dwar id-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 17(1)(a)(d) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-oġġetti mertu ta' dawn il-proċeduri u ċioè dawk indikati fin-Nota ta' Qbid Nru.184/2015,[136] jiġu konfiskati favur il-Gvern mill-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana. Tordna l-konfiska wkoll tal-oġġetti esibiti in atti.[137]

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur.(Int.Law)**
**Maġistrat**

---

134 **Dok.CG1** a fol.25.

135 **KA18/2022** annessa mal-qoxra tal-ewwel volum.

136 **Dok.CG1** a fol.25.

137 **Dok.PB1** sa **Dok.PB4**. Vide **KA65/2021** annessa mal-qoxra tal-ewwel volum.